Nru. 18,147
Prezz/Price
Lm1.76 (€4.10)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 13 ta' Novembru, 2007
Tuesday, 13th November, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 979

PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

ATT Nru. XXVII ta' l-2007 imsejjaħ l-Att ta' l-2007 li jemenda Diversi Liġijiet dwar ir-Riżorsi ta' l-Enerġija.

It-13 ta' Novembru, 2007

Nru. 980

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 18,143 u 18,146 tas-6 u tad-9 ta' Novembru, 2007 rispettivament.

A.L. Nru. 345 ta' l-2007: Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65); Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Piżijiet, Dimensjonijiet u Tagħmir tal-Vetturi bil-Mutur.

A.L. Nru. 346 ta' l-2007: Att ta' l-2003 dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Att Nru. XII ta' l-2003); Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Elezzjonijiet tal-Kumitat ta' l-Appelli.

GOVERNMENT NOTICES

No. 979

PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

ACT No. XXVII of 2007 entitled the Various Laws (Energy Resources) (Amendment) Act, 2007.

13th November, 2007

No. 980

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 18,143 and 18,146 of the 6th and the 9th November, 2007 respectively.

L.N. No. 345 of 2007: Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65); Motor Vehicles (Weights, Dimensions and Equipment) (Amendment) Regulations, 2007.

L.N. No. 346 of 2007: Healthcare Professions Act, 2003 (Act No. XII of 2003); Appeals Committee (Elections) (Amendment) Regulations, 2007.

A.L. Nru. 347 ta' l-2007: *Product Safety Act (Cap. 427); Framework for the Setting of Ecodesign Requirements for Energy-Using Products Regulations, 2007.*

L.N. No. 347 of 2007: Product Safety Act (Cap. 427); Framework for the Setting of Ecodesign Requirements for Energy-Using Products Regulations, 2007.

A.L. Nru. 348 ta' l-2007: *Product Safety Act (Cap. 427); Efficiency Requirements for New Hot-Water Boilers Fired with Liquid or Gaseous Fuels (Implementing Measures) Regulations, 2007.*

L.N. No. 348 of 2007: Product Safety Act (Cap. 427); Efficiency Requirements for New Hot-Water Boilers Fired with Liquid or Gaseous Fuels (Implimenting Measures) Regulations, 2007.

A.L. Nru. 349 ta' l-2007: *Product Safety Act (Cap. 427); Energy Efficiency Requirements for Household Electric Refrigerators, Freezers and Combinations thereof (Implementing Measures) Regulations, 2007.*

L.N. No. 349 of 2007: Product Safety Act (Cap. 427); Energy Efficiency Requirements for Household Electric Refrigerators, Freezers and Combinations thereof (Implementing Measures) Regulations, 2007.

A.L. Nru. 350 ta' l-2007: *Product Safety Act (Cap. 427); Energy Efficiency Requirements for Ballasts for Fluorescent Lighting (Implementing Measures) Regulations, 2007.*

L.N. No. 350 of 2007: Product Safety Act (Cap. 427); Energy Efficiency Requirements for Ballasts for Fluorescent Lighting (Implementing Measures) Regulations, 2007.

A.L. Nru. 351 ta' l-2007: *Product Safety Act (Cap. 427); Airborne Noise Emitted by Household Appliances (Repeal) Regulations, 2007.*

L.N. No. 351 of 2007: Product Safety Act (Cap. 427); Airborne Noise Emitted by Household Appliances (Repeal) Regulations, 2007.

A.L. Nru. 352 ta' l-2007: Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371); Dikjarazzjoni ta' Vaganzi tal-Banek.

L.N. No. 352 of 2007: Banking Act (Cap. 371); Declaration of Bank Holidays.

A.L. Nru. 353 ta' l-2007: Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Kap. 424); Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Protezzjoni tas-Saħħa u s-Sigurtà tal-Ħaddiema minn Riskji relatati ma' Aġenti Kimiċi fuq il-Post tax-Xogħol.

L.N. No. 353 of 2007: Occupational Health and Safety Authority Act (Cap. 424); Protection of the Health and Safety of Workers from the Risks related to Chemical Agents at Work (Amendment) Regulations, 2007.

A.L. Nru. 354 ta' l-2007: Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ (Kap. 343); Regolamenti ta' l-2008 dwar Reġistru għal Impiegi *Part-Time*.

L.N. No. 354 of 2007: Employment and Training Services Act (Cap. 343); Register of Part-time Employment Regulations, 2008.

A.L. Nru. 355 ta' l-2007: Att ta' l-2007 dwar il-*Foster Care* (Att Nru. XVII ta' l-2007); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

L.N. No. 355 of 2007: Foster Care Act, 2007 (Act No. XVII of 2007); Notice of coming into force.

A.L. Nru. 356 ta' l-2007: *Product Safety Act (Cap. 427); Motor Vehicles (EC Type Approval) (Amendment) (No. 2) Regulations, 2007.*

L.N. No. 356 of 2007: Product Safety Act (Cap. 427); Motor Vehicles (EC Type Approval) (Amendment) (No. 2) Regulations, 2007.

A.L. Nru. 357 ta' l-2007: *Product Safety Act (Cap. 427); Two or Three Wheel Motor Vehicles (EC Type Approval) (Amendment) (No. 3) Regulations, 2007.*

L.N. No. 357 of 2007: Product Safety Act (Cap. 427); Two or Three Wheel Motor Vehicles (EC Type Approval) (Amendment) (No. 3) Regulations, 2007.

A.L. Nru. 358 ta' l-2007: Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp (Kap. 356); Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent (Kap. 435);

L.N. No. 358 of 2007: Development Planning Act (Cap. 356); Environment Protection Act (Cap. 435); Environmental

Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni.

A.L. Nru. 359 ta' l-2007: *Plant Quarantine Act (Cap. 433); Plant Quarantine (Harmful Organisms) (Amendment) Regulations, 2007*.

A.L. Nru. 360 ta' l-2007: Att dwar l-Unjoni Ewropea (Kap. 460); Ordni ta' l-2007 dwar il-Komunikazzjoni ta' Data dwar Passiġġieri minn Trasportaturi bl-Ajru.

A.L. Nru. 361 ta' l-2007: Att dwar id-Dazju tas-Sisa (Kap. 382); Regolamenti ta' l-2007 dwar Dazju tas-Sisa (Oġġetti għal Użu Personali).

It-13 ta' Novembru, 2007

Management Construction Site (Amendment) Regulations, 2007.

L.N. No. 359 of 2007: Plant Quarantine Act (Cap. 433); Plant Quarantine (Harmful Organisms) (Amendment) Regulations, 2007.

L.N. No. 360 of 2007: European Union Act (Cap. 460); Communication of Passenger Data by Air Carriers Order, 2007.

L.N. No. 361 of 2007: Excise Duty Act (Cap. 382); Excise Duty (Goods for Own Use) Regulations, 2007.

13th November, 2007

Nru. 981

TRATTAT DWAR L-ESTRADIZZJONI BEJN IL-GVERN TA' MALTA U L-GVERN TAR-REPUBBLIKA TAT-TUNEŻIJA

IT-TRATTAT ta' l-Estradizzjoni bejn il-Gvern ta' Malta u l-Gvern tar-Repubblika tat-Tuneżija, iffirmat f'Malta nhar l-14 ta' Diċembru, 2006, qed jiġi ppubblikat għall-informazzjoni ta' kulħadd.

(Iff.) Lawrence Gonzi
Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi

(Iff.) Tonio Borg
Viċi Prim Ministru u Ministru
tal-Ġustizzja u l-Intern

L-1 ta' Novembru, 2007

No. 981

EXTRADITION TREATY BETWEEN THE GOVERNMENT OF MALTA AND THE GOVERNMENT OF THE REPUBLIC OF TUNISIA

THE Extradition Treaty between the Government of Malta and the Government of the Republic of Tunisia, signed on the 14th December, 2006, in Malta is being published for general information.

(Sd.) Lawrence Gonzi
Prime Minister and Minister of Finance

(Sd.) Tonio Borg
Deputy Prime Minister
and Minister for Justice and Home Affairs

1st November, 2007

Trattat dwar l-Estradizzjoni bejn il-Gvern ta' Malta u l-Gvern tar-Repubblika tat-Tuneżija

Il-Gvern ta' Malta u

u

Il-Gvern tar-Repubblika tat-Tuneżija,

Iktar 'il quddiem indikati bħala l-Istati Partijiet,

Filwaqt li jixtiequ li jsaħħu ir-rabtiet ta' ħbiberija u kooperazzjoni bejn il-poplu Tunezin u dak Malti,

Extradition Treaty between the Government of Malta and the Government of the Republic of Tunisia

The Government of Malta

and

the Government of the Republic of Tunisia,

Hereinafter designated the State Parties,

Desirous of strengthening the ties of friendship and cooperation between the Tunisian and Maltese people,

Filwaqt li jirrikonoxxu li hu fl-interess taż-żewġ Partijiet li jsahhu l-kooperazzjoni tagħhom f' affarijiet penali, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-estradizzjoni,

Filwaqt li huma konvinti li din il-forma ta' kooperazzjoni tidħol fl-ambitu tar-relazzjonijiet tajba ta' ħbiberija bejn iż-żewġ Stati,

Filwaqt li jaghtu attenzjoni kif jixraq lid-drittijiet ta' l-individwi, lill-prinċipji kostituzzjonali fondamentali taż-żewġ Partijiet, u lis-Saltna tad-Dritt,

Ftiehmu kif gej:

Artikolu 1
L-Obbligu ta' Estradizzjoni

Skond id-disposizzjonijiet ta' dan it-Trattat, il-Partijiet Kontraenti jintrabtu li jgħaddu f'idejn xulxin kull persuna ghal skop ta' prosekuzzjoni jew għal esekuzzjoni ta' sentenza li tikkundanna għat-tneħħija tal-libertà minħabba reati, meta l-proċess ikun fil-kompetenza tal-Qrati ta' l-Istat Rikjedent.

Artikolu 2
Atti li jagħtu lok għall-Estradizzjoni

1. Atti li jagħtu lok għall-Estradizzjoni huma dawk l-atti li huma punibbli skond il-liġi taż żewġ Stati bi tneħħija ta' libertà għall-perjodu ta' mhux inqas minn sena.

2. Meta l-estradizzjoni hija mitluba biex tkun tista' issir l-esekuzzjoni ta' sentenza li tikkundanna għat-tneħħija tal-libertà, din tingħata biss jekk iż-zmien ta' nuqqas ta' libertà li ghad ikun jigi skontat irid ikun mill-anqas ta' erba xhur.

3. Għall-iskop ta' l-esekuzzjoni ta' dan l-artikolu reat għandu, skond il-liġi taż-żewġ Stati Kontraenti, ikun soġġett għall-estradizzjoni minghajr ma jittiehed qies jekk:

a) il-Ligijiet taż-żewġ Stati Partjiiet jikklassifikaw l-atti u l-ommissjonijiet li jikkostitwixxu r-reat taħt l-istess kategorija ta' reati, jew jirreferu għar-reat bl-istess isem,

b) id-deskrizzjoni ta' l-elementi li jikkostitwixxu r-reat huma l-istess jew le fil-leġislazzjoni ta' kull stat, sakemm huma sostanzjalment ta' l-istess natura.

4. Meta r-reat li minħabba fih tintalab l-estradizzjoni jkun sar barra mit-territorju ta' l-Istat Rikjedent, l-estradizzjoni tingħata skond id-disposizzjonijiet ta' dan it-Trattat jekk il-liġijiet taż-żewġ Stati Partijiet f'cirkostanzi simili jagħtu setgha li ssir il-prosekuzzjoni tar-reat kommess barra mit-territorji rispettivi tagħhom.

5. L-estradizzjoni għandha tingħata skond id-disposizzjonijiet ta' dan it-Trattat, għall-reati li ghandhom x'jaqsmu ma' taxxi,

Aware that it is in the interest of both Parties to promote their cooperation in penal matters, particularly as regards extradition,

Convinced that this form of cooperation lies within the framework of the good friendly relations between the two States,

Having due regard for the rights of individuals, the fundamental constitutional principles of the two Parties, and the rule of law,

Have agreed upon the following dispositions:

Article 1
Obligation to Extradite

In accordance with the provisions of this Treaty, the contracting Parties commit themselves to hand over to each other any person for the purposes of prosecution or for the execution of a sentence stipulating the loss of liberty due to offences, the trial of which is within the competence of the requesting State's law courts.

Article 2
Acts giving rise to Extradition

1. Acts giving rise to extradition are those acts which are punishable by the law of both States with the deprivation of liberty for a period of at least one year.

2. When extradition is demanded for the purposes of enabling the execution of a sentence stipulating the loss of liberty it shall only be granted if the duration of the sentence to be served is at least four months.

3. For the purposes of the enforcement of this article an offence shall, according to the law of the two contracting States, be extraditable regardless of whether or not:

a) The legislations of the two State Parties classify the acts and omissions which make up the offence under the same category of offences, or refer to the offence by the same name.

b) The descriptions of the constituent elements of the offence are the same or not in the legislation of each State as long as these are substantially of the same nature.

4. When the offence motivating the request for extradition is committed outside the territory of the requesting State, the extradition shall be granted in conformity with the provisions of the present Treaty if the laws of the two States Parties authorize in similar circumstances the prosecution of the offence committed outside their respective territories.

5. Extradition shall be granted, in accordance with the provisions of this treaty, for offences in connection with

dazji doganali u kambju jekk il-Partijiet Kontraenti hekk jiddeċiedu fir-rigward ta' xi reat jew kategorija ta' reati bħal dawn.

6. Jekk it-talba għall-estradizzjoni issir għall-diversi reati distinti, u taħt il-liġijiet ta' l-Istat Rikjedent u ta' l-Istat Rikjest, kull reat ikun punibbli bit-tneħħija tal-libertà, fil-każ li xi reati ma jissodisfawx il-kondizzjoni dwar it-tul tas-sentenza msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, l-Istat Rikjest jista' jagħżel li jagħti l-estradizzjoni anki għal dawn l-aħħar reati.

Artikolu 3
Raġunijiet għar-Rifjut Obbligatorju

1. L-Estradizzjoni għandha tiġi rifjutata:

a) meta l-persuna mfittxijja tkun ċittadin ta' l-Istat Rikjest;

b) meta r-reat ikun ġie kommess fit-territorju ta' l-Istat Rikjest;

ċ) meta l-persuna li tkun mfittxija għall-skop ta' prosekuzzjoni tkun ġiet ġudikata b'mod definittiv minn awtorità kompetenti ġudizzjarja għall-istess fatti li dwarhom tkun saret it-talba ta' estradizzjoni;

d) meta l-persuna imfittxija għall-skop ta' eżekuzzjoni ta'sentenza li tikkundanna għat-tneħħija ta' libertà tkun ġiet ġudikata b'sentenza definittiva minn awtorità ġudizzjarja kompetenti fuq l-istess fatti li dwarhom tkun saret it-talba ta' estradizzjoni u wara li tkun instabet ħatja, tkun skontat is-sentenza;

e) meta l-azzjoni jew is-sentenza jkunu estinti skond il-liġi ta' waħda mill-Istati Partijiet;

f) meta jkun hemm raġunijiet serji sabiex wieħed jemmen li l-persuna mitluba ma tkunx ser tgawdi minn garanziji ta' proċess ekwu skond il-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti;

g) meta skond il-leġislazzjoni tal-Parti Rikjesta, l-att jikkostitwixxi reat ta' natura politika jew att li għandu x'jaqsam ma' reat bħal dan;

h) meta jkun hemm raġunijiet serji biex wieħed jemmen li l-persuna imfittxija, jekk tiġi estradita lejn l-Istat Rikjedent tista' tigi preġudikata, jew il-qagħda tagħha aggravata fil-proċess tagħha jew penalizzata, miżmuma jew limitata fil-libertà personali tagħha minħabba razza, kulur, reliġjon, twemmin, nazzjonalità, post ta' l-oriġini jew ideat politiċi;

i) meta l-att jikkostitwixxi reat militari li ma jkunx reat skond il-liġi kriminali ordinarja.

taxes, duties, customs and exchange if the Contracting Parties will so decide in respect of any such offence or category of offences.

6. If the request for extradition concerns several distinct offences, each offence being punishable by the requesting and the requested States' laws by the deprivation of liberty, in the case that some offences do not meet the condition relative to the sentence's duration laid down in paragraph 1 of this Article, the requested State will also have the option of granting extradition for the latter offences.

Article 3
Mandatory Grounds for Refusal

1. Extradition shall be refused:

a) When the wanted person is a national of the requested State;

b) When the offence has been committed on the requested State's territory;

c) When the person sought for the purposes of a prosecution has been definitely judged by a competent judicial authority for the same facts motivating the demand for extradition;

d) When the person sought for purposes of execution of a sentence providing for a deprivation of liberty has been definitely judged by a competent judicial authority for the same facts motivating the demand for extradition and having been convicted, has served his sentence;

e) When the action or the sentence is extinguished according to the law of one of the States Parties;

f) When there are serious reasons to believe that the requested person will not enjoy the guarantees inherent in a fair trial in accordance with the pertinent international conventions;

g) When, according to the requested Party's legislation, the act constitutes an offence of a political character or an act related to such an offence;

h) When there are serious reasons to believe that the person sought, if extradited to the requesting State, might be prejudiced, or his situation aggravated at his prosecution, or punished, detained or restricted in his personal liberty by reason of race, colour, religion, creed, nationality, place of origin or political views;

i) When the act constitutes a military offence which is not also an offence under ordinary criminal law.

2. Għal finijiet ta' l-infurzar tad-disposizzjoni (g) tal-paragrafu hawn fuq dawn li ġejjin m'għandhomx jitqiesu bħala reati ta' karattru politiku:

a) Ġenoċidju, delitti kontra l-umanità, delitti tal-gwerra u r-reati previsti mill-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra tal-1949 dwar il-Liġi Umanitarja;

b) L-atti msemmijja fil-Konvenzjoni kontra t-Tortura u t-Trattamenti Oħra Krudili u Degradanti adottata fis-17 ta' Diċembru 1984 mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti;

c) Ir-reati li jinsabu fil-konvenzjonijiet multilaterali dwar il-prevenzjoni u repressjoni tat-terroriżmu li fihom iż-żewġ Partijiet Kontraenti huma jew għad ikunu partijiet;

d) L-omiċidju jew reat ieħor volontarju u vjolenti kontra l-persuna tal-Kap ta' l-Istat ta' wieħed mill-Istati Partijiet jew ta' membru tal-familja tal-Kap ta' l-Istat;

e) Kull tentattiv, kollaborazzjoni jew kompliċità fil-kommissjoni ta' xi wieħed mir-reati imsemmija hawn fuq.

Artikolu 4
Prosekuzzjoni mill-Istat Rikjest

1. Jekk l-estradizzjoni ma tistax tingħata minħabba f'xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fil-klawsoli (a) u (b) tal-paragrafu 1 ta' l-artikolu 3 ta' dan it-Trattat, l-Istat Rikjest, għandu, skond il-leġislazzjoni tiegħu, jibgħat il-każ lill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prosekuzzjoni ta' l-atti li dwarhom tkun saret it-talba ta' estradizzjoni.

2. Għal finijiet ta' l-infurzar tal-paragrafu ta' qabel, l-Istat Rikjest jista' jitlob mingħand l-Istat Rikjedent ghal dawk il-fatti u l-elementi kollha li jitqiesu meħtieġa, b'mod partikolari l-esibiti.

Artikolu 5
Raġunijiet Fakultattivi għar-Rifjut

L-Istat Rikjest jista' jirrifjuta l-estradizzjoni:

a) Jekk il-persuna mfittxija tinstab ħatja fl-assenza tagħha mill-Istat Rikjedent, u l-liġi ta' dak l-Istat ma tipprovdix għall-garanziji suffiċjenti li jippermettu lill-persuna mitluba li tirrikorri għal rimedji ġudizzjarji xierqa kontra l-kundanna, b'tali mod li l-persuna tkun tista' tiġi pproċessata mill-gdid fil-preżenza tagħha u li jippermettulha li tiżgura d-difiża tagħha.

b) Jekk ikunu għaddejjin proċeduri kriminali quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' l-Istat Rikjest għall-istess atti li dwarhom tkun saret it-talba ta' estradizzjoni.

2. For the purposes of enforcing provision (g) of the above paragraph, the following will not be considered as offences of a political character:

a) Genocide, crimes against humanity, war crimes and the offences provided for by the Geneva Conventions of 1949 with regard to Humanitarian Law;

b) The acts mentioned in the Convention against Torture and other Cruel and Degrading Treatment, adopted on the 17th December 1984 by the General Assembly of the United Nations;

c) The offences found in the multilateral conventions concerning the prevention and repression of terrorism to which the two Contracting Parties are or will be parties;

d) A murder or other willful violent offence against the person of the Head of State of one of the State Parties, or of a member of the Head of State's family;

e) Any attempt, collaboration or complicity to commit any of the foregoing offences.

Article 4
Prosecution by the requested State

1- If the extradition cannot be granted for any of the reasons mentioned in clauses (a) and (b) in paragraph 1 of Article 3 of the present treaty, the requested State shall, in accordance with its legislation, submit the case to its competent authorities for the purpose of prosecution for the acts which have motivated the request for extradition.

2- For the purposes of enforcing the preceding paragraph, the requested State may ask the requesting State for all those facts and elements that are deemed necessary, in particular the exhibits.

Article 5
Optional Grounds for Refusal

The requested State may refuse extradition:

a) If the wanted person is convicted in his absence in the requesting State, and the legislation of that state does not provide for sufficient guarantees to enable the requested person to have recourse to appropriate judicial remedies against the conviction in such a manner as to have the person retried in his presence and to allow him to ensure his defence;

b) If criminal proceedings are underway before the judicial authorities of the requested State for the same acts which motivate the request for extradition.

Artikolu 6
Konsiderazzjonijiet Umanitarji

Għal raġunijiet umanitarji, l-aktar dawk li għandhom x'jaqsmu ma' età, saħħa jew ċirkostanzi oħra personali li jolqtu lill-individwu mfittex, l-Istat Rikjest jista' jissuġġerixxi lill-Istat Rikjedent biex jirtira t-talba tiegħu għal estradizzjoni.

Artikolu 7
Regola ta' Speċjalità

1. Kull persuna li tiġi estradita skond id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Trattat m'għandhiex tkun akkużata, pproċessata, miżmuma jew soġġetta għal kull restrizzjoni oħra għal-libertà individwali tagħha fit-territorju ta' l-Istat Rikjedent għal xi att magħmul qabel il-konsenja tagħha, għajr għal dak li għalih tkun ingħatat l-estradizzjoni.

2. Il-projbizzjoni imsemmija fil-paragrafu ta' qabel dan ma tibqax tapplika:

a) meta, l-Istat Rikjest jagħti l-kunsens tiegħu għall-prosekuzzjoni, proċediment, żamma jew limitazzjoni oħra tal-libertà personali tal-persuna estradita, u wara jekk ikun meħtieġ, li jkun eżamina d-dokumenti msemmijin fil-paragrafi (1) u (2) ta' l-artikolu 12;

b) meta, minkejja li jkollu d-dritt u l-possibbilità li jħalli t-territorju ta' l-Istat Rikjest, il-persuna estradita tibqa' hemm għal aktar minn ħamsa u erbgħin jum jew meta, wara li tkun ħalliet dan it-territtorju, terġa' lura fih minn rajha.

3. Meta ssir talba biex jinkiseb il-kunsens ta' l-Istat Rikjest imsemmi fil-paragrafu (2)(a) ta' dan l-artikolu, il-persuna estradita tista', waqt li t-talba tkun qed tiġi eżaminata, tinżamm jew tkun soġġetta għal kull miżura oħra li tirrestrinġi l-libertà individwali mill-Istat Rikjedent, għal dak iż-żmien li jkun ġie awtorizzat mill-Istat Rikjest.

4. Meta d-deskrizzjoni tal-fatti inkriminati tinbidel fil-kors tal-proċeduri, il-persuna estradita m'għandhiex tkun ipproċessata, jew ġudikata ħlief sakemm l-offiża, kif deskritta mill-ġdid, fuq il-bażi ta' l-istess fatti tkun tippermetti l-estradizzjoni.

Artikolu 8
Konsenja u Estradizzjoni Ulterjuri

1. Persuna estradita skond dan it-Trattat ma tistax tkun soġġetta għal estradizzjoni jew konsenja ulterjuri għal xi reat imwettaq qabel ma tkun saret l-estradizzjoni lill-Istat Rikjedent.

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu tintemm:

Article 6
Humanitarian Considerations

For humanitarian reasons, especially those related to age, health or to other personal circumstances affecting the wanted individual, the requested State may suggest to the requesting State to withdraw its request for extradition.

Article 7
Rule of Speciality

1. Any person who is extradited according to the terms of the present Treaty will not be prosecuted, tried, detained or subjected to any other restriction of his individual liberty on the requesting State's territory for an act committed prior to his surrender other than the one for which extradition was granted.

2. The prohibition provided for in the previous paragraph ceases to apply:

a) When the requested State gives its consent to the prosecution, trial, detention or other restriction on the liberty of the extradited person and after, if deemed necessary, having examined the documents referred to in paragraphs 1 and 2 of Article 12;

b) When, despite having the right and possibility to leave the requesting State's territory, the extradited person remains there for more than forty five days or when, having left this territory, he voluntarily returns to it.

3 . When a request is made in order to obtain the consent of the requested State referred to in paragraph 2(a) of the present article, the extradited person may, while the request is being examined, be detained or subjected to any other measures restricting individual liberty by the requesting State, within such period as may be authorized by the requested State.

4. When the description of the incriminated facts is modified in the course of the proceedings, the extradited person shall not be prosecuted or judged except insofar as the offence, as newly described, on the basis of the same facts would permit extradition.

Article 8
Surrender and Re-extradition

1. A person extradited under this Treaty may not be the subject of onward extradition or surrender for any offence committed prior to extradition to the requesting State.

2. The prohibition in paragraph 1 of this Article shall cease:

a) meta l-Istat Rikjest jaċċetta l-estradizzjoni ulterjuri jew il-konsenja wara li jeżamina, jekk neċessarju, id-dokumenti msemmija fil-paragrafu 1 u 2 ta' l-artikolu 12;

b) meta għalkemm, ikollha d-dritt u l-possibiltà li tħalli t-territorju ta' l-Istat Rikjedent, il-persuna estradita tibqa' hemm għal perjodu ta' iktar minn 45 ġurnata, jew wara li tkun telqet mit-territorju, tirritorna fih volontarjament.

3. L-Istat Rikjest jista' jitlob lill-Istat Rikjedent biex jibgħatlu dikjarazzjoni mill-persuna mfittxija rigward l-aċċettazzjoni jew ir-rifjut biex tiġi estradita ulterjorment jew konsenjata.

Artikolu 9
Talbiet ghal-Estradizzjoni magħmulin minn Diversi Stati

Jekk l-Istat Rikjest jirċievi talbiet mill-Istat Rikjedent u minn xi Stat jew Stati oħra għall-konsenja ta' l-istess persuna, kemm jekk għall-istess reat kif ukoll jekk għal xi reati differenti, l-Istat Rikjest għandhu jiddeċiedi lil-liema Stat, jekk lil xi wieħed minnhom, ser jikkonsenja l-persuna. Waqt li jkun qed jiehu d-deċiżjoni tiegħu, l-Istat Rikjest għandu jikkonsidra kull fattur rilevanti, inklużi imma mhux limitati għal:

a) jekk it-talbiet ġewx magħmula skond Trattat jew Ftehim;
b) il-post fejn ikunu twettqu r-reati;
c) l-interessi rispettivi ta' l-Istati Rikjedenti;
d) is-serjetà u l-gravità tar-reati;
e) in-nazzjonalità tal-persuna li twettaq ir-reat u in-nazzjonalità tal-vittma;
f) il-possibbilità ta' estradizzjoni ulterjuri jew konsenja;
g) l-ordni kronoloġiku li fih gew riċevuti t-talbiet;
h) jekk fir-rigward ta' kull reat, il-persuna hux qed tigi mfittxija għall-prosekuzzjoni jew għall-esekuzzjoni ta' sentenza.

Artikolu 10
Komunikazzjoni tad-Deċiżjoni

L-Istat Rikjest għandu l-obbligu li jinforma l-Istat Rikjedent mill-aktar fiss possibbli fuq ir-riżultat tat-talba ta' l-estradizzjoni u f'każ ta' rifjut totali jew parzjali, għandu jindika r-raġunijiet għaċ-ċaħda.

Artikolu 11
Mezzi ta' Kommunikazzjoni

Talbiet għal estradizzjoni u kull komunikazzjoni oħra sussegwenti għandhom jiġu trasmessi permezz ta' mezzi diplomatiċi.

Artikolu 12
Proċeduri ta' Estradizzjoni u Dokumenti Meħtieġa

1. It-talbiet kollha għall-estradizzjoni għandhom isiru bil-miktub u għandhom ikunu sostnuti b':

a) When the requested State consents to the re-extradition or the surrender after examining, if necessary, the documents referred to in paragraphs 1 and 2 of Article 12;

b) When, having the right and possibility to leave the territory of the requesting State, the extradited person stays for a period of more than forty five days or, having left the territory, returns voluntarily.

3. The requested State may request the requesting State to send it a declaration by the wanted person regarding his acceptance or refusal to be re-extradited or surrendered.

Article 9
Multiple Requests

If the requested State receives requests from the requesting State and from any other State or States for the surrender of the same person, either for the same offence or for different offences, the requested State shall determine to which State, if any, it will surrender the person. In making its decision, the requested State shall consider all relevant factors, including but not limited to:

a) whether the requests were made pursuant to a treaty or agreement;
b) the place of commission of the offences;
c) the respective interests of the requesting States;
d) the seriousness and gravity of the offences;
e) the nationality of the offender and of the victim;
f) the possibility of any subsequent extradition or surrender;
g) the chronological order in which the requests were received;
h) whether, in the case of each offence, the person is wanted for prosecution or execution of sentence.

Article 10
Communication of the Decision

The requested State has the obligation to inform the requesting State as soon as possible about the outcome of the request for extradition and in the case of a total or partial refusal has to indicate the grounds for refusal.

Article 11
Communication Channels

Requests for extradition and any other subsequent communications will be transmitted through diplomatic channels.

Article 12
Extradition Procedures and Required Documents

1. All requests for extradition shall be submitted in writing and supported by:

a) dokumenti, dikjarazzjonijiet jew kull tipi ta' informazzjoni oħra li tiddeskrivi l-identità, in-nazzjonalità u l-post fejn x'aktarx tinstab il-persuna mfittxija;

b) informazzjoni li tiddeskrivi l-fatti tar-reat u l-istorja proċedurali tal-każ;

ċ) dikjarazzjoni li jkun fiha t-test tad-dispożizzjonijiet legali li jiddeskrivu l-elementi essenzjali tar-reat li dwaru tkun saret it-talba ta' estradizzjoni;

d) dikjarazzjoni li jkun fiha t-test tad-dispożizzjonijiet tal-liġi li jistabilixxu l-piena għar-reat;

e) dokumenti, stqarrijiet jew informazzjoni ta' xort'oħra kif speċifikat fil-paragrafu 2 jew 3 ta' dan l-artikolu, skond kif ikun il-każ.

2. Talba għall-estradizzjoni ta' persuna imfittxija biex tiġi processata għandha wkoll tkun sostnuta b':

a) kopja ta' mandat maħruġ minn awtorità ġudizzjarja kompetenti skond il-liġi domestika ta' l-Istat Rikjedent bil-għan li tiġi arrestata l-persuna mitluba jew dokument ieħor li jkollu l-istess effett maħruġ mill-imsemmija awtorità;

b) kopja tad-dokument li jkun fih l-akkuża, jekk jeżisti;

ċ) dawk il-provi li jwasslu biex jiġi stabilit li jkun hemm bażi raġonevoli biex wieħed jemmen li l-persuna mfittxija tkun wettqet ir-reat li dwaru saret it-talba ta' estradizzjoni.

3. Talba għall-estradizzjoni biex tiġi eżegwita sentenza ta' sejbien ta' ħtija li tistabilixxi t-tneħħija tal-libertà għandha tkun sostnuta b':

a) kopja tad-deċizjoni ta' ħtija flimkien ma' informazzjoni li tistabbilixxi li l-persuna mfittxija hija l-istess persuna li għaliha tirreferi d-deċiżjoni ta' ħtija;

b) kopja tas-sentenza mogħtija, jekk il-persuna mfittxija tkun ġiet ikkundannata u dikjarazzjoni li turi kemm minn din is-sentenza tkun ġiet skontata;

c) fil-każ ta' persuna misjuba ħatja fin-nuqqas tagħha d-dokumenti meħtieġa fil-paragrafu 2, nota li tindika d-drittijiet tal-persuna mfittxija disponibli biex tirrikorri għal-rimedji xierqa li jippermetulha li tippreżenta d-difiża tagħha, u kopja tad-dispożizzjonijiet legali li jipprovdu għal dawn id-drittijiet.

4. Id-dokumenti li jsostnu t-talba ta' estradizzjoni għandhom ikunu ċertifikati mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Rikjedent bħala dokument oriġinali jew kopja awtentika ta' l-oriġinal, u akkumpanjati bis-siġill tal-Ministeru tal-Ġustizzja u/jew dak tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin.

Artikolu 13
Estradizzjoni bil-Kunsens tal-Persuna Mfittxija

1. Jekk il-persuna mfittxija tagħti formalment il-kunsens tagħha biex tiġi konsenjata lill-Istat Rikjedent, l-Istat Rikjest jista' skond il-prinċipji u l-proċeduri tiegħu, jikkonsenja l-persuna kemm jista' jkun malajr lill-Istat Rikjedent.

a) Documents, statements or other types of information which describe the identity, nationality and probable location of the person sought;

b) Information describing the facts of the offence and the procedural history of the case;

c) A statement of the relevant text of the provisions of the laws describing the essential elements of the offence for which extradition is requested;

d) A statement of the relevant text of the provisions of law prescribing punishment for the offence; and

e) The documents, statements, or other types of information specified in paragraph 2 or 3 of this article, as applicable.

2. A request for extradition of a person who is sought for prosecution shall also be supported by:

a) A copy of the warrant issued by the competent judicial authority in conformity with the domestic law of the requesting State for the purpose of arresting the requested person or other document having the same effect issued by the said authority;

b) A copy of the charging document, if any;

c) Such evidence as would provide a reasonable basis to believe that the person sought committed the offence for which extradition is requested.

3. A request for extradition for the purpose of executing a sentence stipulating the loss of liberty shall be supported by:

a) A copy of the judgement of conviction, together with information establishing that the person sought is the person to whom the conviction refers;

b) A copy of the sentence imposed if the person sought has been sentenced, and a statement establishing to what extent the sentence has been carried out; and

c) In the case where a person was condemned by default, the documents required in paragraph 2, a note indicating the rights of the wanted person to have recourse to appropriate remedies to allow him to present his defence and a copy of the legal provisions on which they are based.

4. The documents accompanying the request for extradition must be certified by the competent authority of the requesting State as being the original document or an authentic copy of the original, and accompanied by the seal of the Ministry of Justice and/or that of the Ministry of Foreign Affairs.

Article 13
Extradition with the Wanted Person's Consent

1. If the person sought formally consents to be surrendered to the requesting State, the requested State may, in accordance with its principles and procedures, surrender the person as expeditiously as possible to the requesting State.

2. L-awtorità ġudizzjarja kompetenti għandha tisma' lill-persuna mfittxija sabiex tiżgura illi d-dikjarazzjoni tkun saret b'deċiżjoni ħielsa tagħha, u fl-affermattiv tikkontrofirma din id-dikjarazzjoni billi tordna li l-persuna tiġi kkonsenjata lill-Istat Rikjedent; għandu jsir proċess verbali ta' dawn il-proċeduri.

3. Id-dikjarazzjoni hekk kontrofirmata skond il-paragrafu preċedenti ma tistax titħassar.

4. Id-dokument kontrofirmat huwa ekwivalenti għall-approvazzjoni mill-awtorità ġudizzjarja tat-talba għall-estradizzjoni.

Artikolu 14
Elementi Supplimentari

1. Jekk it-talba ma tkunx kompluta jew ma tkunx akkompanjata b'elementi suffiċjenti li jippermettu l-Istat Rikjest biex jasal għal deċiżjoni, dan jista' jitlob li jingħatawlu elementi jew informazzjoni supplimentari fiż-żmien illi jistabbilixxi.

2. In-nuqqas li jigu mibghuta dawk l-elementi u l-informazzjoni mitluba skond il-paragrafu ta' qabel ma jimpedix li tittieħed deċiżjoni fuq it-talba; id-deċiżjoni issir fid-dawl ta' l-elementi disponibbli.

3. Meta l-persuna li tkun ġiet miżmuma bis-saħħa ta' talba għal-estradizzjoni tiġi meħlusa għaliex l-Istat Rikjedent ma jkunx ippreżenta l-elementi u l-informazzjoni supplimentari msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, l-Istat Rikjest għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-Istat Rikjedent kemm jista' jkun malajr.

Artikolu 15
L-Arrest u d-Detenzjoni tal-Persuna li għandha tkun Estradita

1.Meta tiġi approvata talba għall-estradizzjoni, l-Istati Kontraenti jimpenjaw irwieħhom li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex din titwettaq, inkluż it-tfittxija, l-arrest u d-detenzjoni tal-persuna mfittxija.

2. L-arrest u d-detenzjoni tal-persuna mfittxija, matul il-proċeduri ta' l-estradizzjoni sa- kemm tiġi konsenjata lill-Istat Rikjedent, jiġu regolati mill-liġi interna ta' l-Istat Rikjest.

Artikolu 16
Konsenja u Trasport tal-Persuna Estradita

1. Jekk tingħata l-estradizzjoni, l-Istat Rikjest għandu jinforma lill-Istat Rikjedent bil-post u d-data tal-konsenja, kif ukoll dwar kemm tkun damet id-detenzjoni tal-persuna mfittxija fl-Istat Rikjest, sabiex l-Istat Rikjedent ikun jista' jikkonsidra jekk inaqqasx iż-żmien tad-detenzjoni.

2. The competent judicial authority hears the person sought in order to ensure that his declaration is the result of his free decision, and, in the affirmative, it endorses this declaration, by ordering that the person be handed over to the requesting State; a record of these proceedings will be drawn up.

3. The declaration endorsed according to the terms of the previous paragraph is irrevocable.

4. The endorsement document is equivalent to the approval by the judicial authority of the request for extradition.

Article 14
Supplementary Elements

1. If the request is incomplete or has not been accompanied by sufficient elements to allow the requested State to reach a decision, the latter may request that supplementary elements or information be sent to it, within the time allotted by it.

2. Failure to send those elements and information requested according to the terms of the preceding paragraph will not preclude a decision on the request; the decision will be made in the light of the available elements.

3. When the person who has been detained by virtue of a request for extradition is discharged owing to the fact that the requesting State did not present the supplementary elements and information mentioned in paragraph 1 of this Article, the requested State has to notify its decision to the requesting State as soon as possible.

Article 15
Arrest and Detention of the Person to be Extradited

1. When the request for extradition has been approved, the contracting States commit themselves to take all the necessary measures for its execution, including the search for, and to arrest and detain the wanted person.

2. The wanted person's arrest and detention during the extradition procedure, until he is surrendered to the requesting State, are governed by the internal law of the requested State.

Article 16
Surrender and Transport of the Extradited Person

1. If the extradition is authorized, the requested State will inform the requesting State about the place and date of the surrender, as well as about the duration of the detention of the wanted person in the requested State, in order that the requesting State can consider deducting the period of detention.

2. Jekk l-Istat Rikjedent jonqos milli jirċievi l-persuna mfittxija fil-kustodja tiegħu mit-territorju ta' l-Istat Rikjest fiż-żmien mogħti mil-liġi ta' l-Istat Rikjest, dik il-persuna għandha tiġi meħlusa mill-kustodja, u l-estradizzjoni tagħha ma tistax terġa tintalab dwar l-istess fatti.

3. F'każ ta' ċirkostanzi barra mill-kontroll tagħhom li jżommu jew lill-Istat Rikjedent jew lill-Istat Rikjest milli rispettivament jirċievu jew jikkonsenjaw lill-persuna imfittxija, l-Istat hekk miżmum għandu jinnotifika lill-ieħor b'dan u data ġdida għall-konsenja għandha tiġi miftiehma u għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2.

Artikolu 17
Posponiment tal-Konsenja

L-Istat Rikjest, wara li jkun ħa deċiżjoni fuq it-talba għall-estradizzjoni, jista' jipposponi l-konsenja ta' persuna li tkun qed tigi proċessata fil-ġuriżdizzjoni tiegħu jew li tkun qed tiskonta sentenza li tneħħi l-libertà f'dak l-Istat. Il-posponiment jista' jkompli sakemm tigi konkluża l-prosekuzjoni ta' dik il-persuna jew sakemm dik il-persuna tkun skontat il-piena kollha fuqha imposta.

Artikolu 18
Konsenja Temporanja

1. Jekk talba għall-estradizzjoni tingħata dwar persuna li jkunu qegħdin isiru proċeduri kontra tagħha jew li tkun qed tiskonta sentenza fl-Istat Rikjest, dan l-Istat jista' jikkonsenja l-persuna mitluba lill-Istat Rikjedent biex tiġi proċessata.

2. Il-persuna hekk konsenjata għandha tinżamm f'kustodja fl-Istat Rikjedent u għandha tinghata lura lill-Istat Rikjest malli jintemmu l-proċeduri kontriha skond il-kondizzjonijiet li jiġu miftehma bejn l-Istat Rikjedent u l-Istat Rikjest. Il-perjodu ta' żmien mgħoddi taħt kustodja fit-territorju ta' l-Istat Rikjedent, sakemm issir il-prosekuzzjoni f'dak l-Istat, jista' jitnaqqas miż-żmien li jkun baqa' biex jiġi skontat fl-Istat Rikjest.

3. Il-preżenza temporanja tal-persuna mfittxija fit-territorju ta' l-Istat Rikjedent tiġi limitata għall-perjodu miftiehem bejn iż-żewġ Stati Kontraenti.

Artikolu 19
Qbid u Konsenja ta' Oġġetti

1.L-Istat Rikjest jista', sa fejn tippermettilu l-ligi tiegħu u fuq talba tal-Istat Rikjedent, jaqbad u jikkonsenja l-ħwejjeġ kollha, inkluzi oġġetti u dokumenti:

a) li jkunu meħtieġa bħala prova;

b) li jkunu nkisbu permezz tar-reat u li, fil-mument ta'

2. If the requesting State fails to receive the person sought into its custody from the territory of the requested State within the time period prescribed by the law of the requested State that person shall be discharged from custody and his extradition cannot subsequently be requested for the same facts.

3. If circumstances beyond its control prevent either the requesting State or the requested State from respectively receiving or surrendering the person sought the State so prevented shall notify the other accordingly and a new date for surrender shall be agreed to and the provisions of paragraph 2 shall apply.

Article 17
Deferment of Surrender

The requested State, after having given its decision on the request for extradition, may postpone the surrender of a person who is being prosecuted in its jurisdiction or who is serving a sentence involving a depravation of liberty in that State. The postponement may continue until the prosecution of the person sought has been concluded or until such person has served any sentence imposed.

Article 18
Temporary Surrender

1. If a request for extradition is granted in respect of a person who is being proceeded against or is serving a sentence in the requested State, the requested State may temporarily surrender the person sought to the requesting State for the purpose of prosecution.

2. The person so surrendered shall be kept in custody in the requesting State and shall be returned to the requested State at the conclusion of the proceedings against him in accordance with the conditions to be determined by mutual agreement of the requesting and requested States. The time spent in custody in the territory of the requesting State pending prosecution in that State may be deducted from any period of time remaining to be served by the said person in the requested State.

3. The wanted person's temporary presence on the requesting State's territory will be limited to a period agreed upon by the two contracting States.

Article 19
Seizure and Handing over of Objects

1. The requested State may, insofar as its law permits and at the request of the requesting State, seize and hand over all items, including articles and documents:

a) which may be required as evidence;

b) which have been acquired as a result of the offence and

l-arrest, ikunu nstabu fil-pussess tal-persuna mfittxija jew li jinstabu wara.

2. L-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu jistgħu jiġu konsenjati anki jekk l-estradizzjoni, wara li tkun intlaqgħet ma tkunx tista' ssir minħabba l-mewt, l-għajbien jew il-ħarba tal-persuna mfittxija.

3. L-Istat Rikjest jista' jassoġġetta l-konsenja tal-ħwejjeġ għall-kondizzjoni li jkun hemm assigurazzjonijiet sodisfacenti mill-Istat Rikjedent li l-propjetà tigi mrodda lura lill-Istat Rikjest mill-aktar fis li jkun prattikabbli. L-Istat Rikjest jista' wkoll jipposponi l-konsenja tal-ħwejjeġ imsemmija jekk ikun hemm bżonnhom bħala prova fl-Istat Rikjest.

4. Id-drittijiet kollha ta' terzi akkwistati *in buona fede* fuq il-ħwejjeġ imsemmija għandhom ikunu rikonoxxuti. Meta dawn id-drittijiet jiġu stabbiliti, l-proprjetà għandha tintradd mingħajr ħlas lill-Istat Rikjest, kemm jista' jkun malajr wara l-proċess.

Artikolu 20
Arrest Proviżorju u Detenzjoni

1. F'każ ta' urġenza, u bħala mizura preliminari sakemm tiġi ppreżentata t-talba formali għall-estradizzjoni, l-Istat Rikjedent jista' jitlob l-arrest proviżorju tal-persuna li tkun ser tiġi estradita.

2. It-talba għall-arrest provizorju għandha tindika l-eżistenza ta' mandat maħruġ mill-awtorità ġudizzjarja kompetenti skond il-liġi domestika ta' l-Istat Rikjedent biex tiġi arrestata l-persuna mitluba, jew kull dokument ieħor li jkollu l-istess effett, jew sentenza ta' sejbien ta' ħtija kontra l-persuna mfittxija u li jkun fiha dikjarazzjoni tal-fatti li jikkostitwixxu r-reat, id-data u l-post fejn ikun twettaq ir-reat, id-dispożizzjonijiet legali applikabbli, in-nazzjonalità tal-persuna msemmija u kull tagħrif ieħor disponibbli dwar l-identità tagħha u fejn din tkun tinsab, u li tikkomunika l-intenzjoni li ser tintbagħat talba formali għall-estradizzjoni.

3. It-talba għall-arrest proviżorju għandha tintbagħat lill-Ministeru tal-Gustizzja ta' l-Istat Rikjest, jew permezz ta' mezzi diplomatiċi, jew direttament bil-posta jew b'mezzi telegrafici, jew inkella permezz ta' l-intermedjazzjoni ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonli tal-Pulizija Kriminali, (INTERPOL) jew b'kull mezz ieħor li jħalli reġistrazzjoni bil-miktub.

4. Id-deċiżjoni biex tigi arrestata u biex tinżamm f'detenzjoni għandha tittieħed b'konformità ma' l-liġi ta' l-Istat Rikjest u għandha tiġi mgħarrfa lill-Istat Rikjedent mingħajr dewmien.

5. L-Istat Rikjest għandu jgħarraf l-Istat Rikjedent mingħajr dewmien dwar ir-riżultati tal-miżuri li jkunu ttieħdu biex tiġi arrestata l-persuna mfittxija.

which, at the time of the arrest, are found in the possession of the person wanted or are discovered subsequently.

2. The items mentioned in paragraph 1 of this article may be handed over even if extradition, having been agreed to, cannot be carried out owing to the death, disappearance or escape of the person sought.

3. The requested State may condition the surrender of the items upon satisfactory assurances from the requesting State that the property will be returned to the requested State as soon as practicable. The requested State may also defer the surrender of such items if they are needed as evidence in the requested State.

4. Any rights which third parties may have acquired in good faith over the said property shall be preserved. Where these rights are established the property shall be returned without charge to the requested State as soon as possible after the trial.

Article 20
Provisional Arrest and Detention

1. In the case of urgency, and as a preliminary measure pending the presentation of the formal request for extradition, the requesting State may request the provisional arrest of the person who is to be extradited.

2. The request for a provisional arrest shall indicate the existence of a warrant issued by the competent judicial authority in conformity with the domestic law of the requesting State for the purpose of arresting the requested person or any other document having the same effect, or a judgement convicting the wanted person and containing a statement of the facts constituting the offence, the date and place where it has been committed, the applicable legal provisions, the nationality of the said person and any other available data as to his identity and location, and communicating the intention to send a formal request for extradition.

3. The request for a provisional arrest will be sent to the requested State's Ministry for Justice, either through diplomatic channels, or directly through mail or telegraphic channels, or else through the intermediary of the International Criminal Police Organization (INTERPOL), or by any other means which leave written record.

4. The decision to arrest and to keep the person in custody will be taken in conformity with the law of the requested State and it will be communicated without delay to the requesting Party.

5. The requested State will have to inform the requesting State without delay about the results of the steps taken to arrest the wanted person.

6. Il-persuna miżmuma għandha tinħeles jekk it-talba għall-estradizzjoni ma tkunx waslet fiż-żmien ta' tletin jum wara li jkun seħħ l-arrest.

7. L-arrest u d-detenzjoni għall-finijiet ta' estradizzjoni tal-persuna imsemmija huma regolati mill-liġi interna ta' l-Istat Rikjest.

8. Il-fatt li l-persuna tkun inħelset ma jeskludix l-arrest mill-ġdid jew l-estradizzjoni tagħha, jekk it-talba għall-estradizzjoni tasal wara li jkun skada l-perjodu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 6 ta' dan l-artikolu.

Artikolu 21
Tranżitu

1. Kull Stat jista' jawtorizza t-trasport fit-territorju tiegħu ta' kull persuna li ma tkunx ċittadina ta' l-Istat Rikjest li tkun qed tiġi konsenjata lill-parti l-ohra minn Stat Terz jew mill-Istat l-ieħor lil Stat Terz.

2. Talba għal transitu għandha tiġi trasmessa permezz ta' mezzi diplomatiċi jew direttament bejn il-ministeri responsabbli għall-ġustizzja rispettivi. F'każ ta' urġenza, il-faċilitajiet ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija Kriminali (INTERPOL) jistgħu jiġu wżati biex tiġi trasmessa it-talba.

3. It-talba għal tranżitu għandu jkun fiha:

a) deskrizzjoni tal-persuna kif ukoll informazzjoni li tista' tkun ta' għajnuna biex tistabilixxi l-identità tal-persuna u n-nazzjonalità tagħha; u

b) dikjarazzjoni qasira tal-fatti tal-każ li minħabba fihom il-persuna ġiet konsenjata mill-Istat Kontraenti l-ieħor jew mill-Istat Terz.

4. Jekk il-liġi ta' l-Istat ta' tranżitu taċċetta, il-persuna in tranżitu għandha tiġi miżmuma f' kustodja waqt il-perjodu ta' tranżitu.

5. L-awtorizzazzjoni m'hix meħtieġa meta jiġi wzat trasport u ma jkun ppjanat ebda inżul skedat fuq it-territorju ta' l-Istat ta' tranżitu. Fil-każ ta' inżul mhux skedat, l-Istat li fit-territorju tiegħu isir l-inżul jista' jagħmel talba għal transitu skond il-paragrafi 2 u 3, u sakemm iseħħ it-tranżitu, għandu jieħu kull miżura li tippermettilu l-liġi biex jimpedixxi l-persuna milli taħrab mill-ġustizzja, salv li t-talba għal transitu għandha tigi ricevuta fi żmien 96 siegħa mill-inżul mhux skedat.

6. Sabiex tittieħed deċiżjoni fuq it-talba ta' tranżitu, l-Istat ta' tranżitu jista' jitlob il-produzzjoni ta' xi dokumenti msemmija fil-klawsola (b) tal-paragrafu 1 ta' l-artikolu 12, fil-klawsola (a) tal-paragrafu 2 ta' l-istess artikolu u fil-paragrafu 3 ta' l-imsemmi artikolu.

6. The detained person will be released if the request for extradition is not received within thirty days from the arrest.

7. The person's arrest and detention for the purposes of extradition are governed by the internal law of the requested State.

8. The person's discharge will exclude neither his re-arrest nor his extradition, if the request for extradition is received after the time-limit mentioned in paragraph 6 of this Article.

Article 21
Transit

1. Every State can authorise the transportation through its territory of any non-national of the requested State who is being surrendered to the other party by a Third State or by the other State to a third State.

2. A request for transit shall be transmitted through the diplomatic channel or directly between the respective ministries responsible for justice. In case of urgency, the facilities of the International Criminal Police Organisation (INTERPOL) may also be used to transmit the request.

3. The request for transit shall contain:

a) a description of the person together with any information that may help to establish the person's identity and nationality; and

b) a brief statement of the facts of the case for which the person was surrendered by the other contracting State or by the third State.

4. If the law of the transit State so allows the person in transit shall be detained in custody during the period of transit.

5. Authorisation shall not be required when air transportation is used and no landing is scheduled on the territory of the transit State. If an unscheduled landing does occur, the State in whose territory such landing occurs may require a request for transit pursuant to paragraphs 2 and 3 and until transit is effected shall take all such measures allowed by its law to prevent the person from absconding, provided that the request for transit is received within 96 hours of the unscheduled landing.

6. For the purpose of deciding on the request for transit the transit State may demand the production of any of the documents mentioned in clause (b) of paragraph 1 of article 12, in clause (a) of paragraph 2 of the same article and in paragraph 3 of the said article.

Artikolu 22
Lingwa

It-talbiet u d-dokumenti li jsostnuhom, kif ukoll kull komunikazzjoni oħra magħmula skond il-provvedimenti tat-Trattat preżenti, għandhom isiru:

a) bl-Għarbi u tradotti bil-Franċiż meta t-Tunezija tkun l-Istat Rikjedent;

b) bil-Malti u tradotti bl-Ingliż meta Malta tkun l-Istat Rikjedent, sakemm il-lingwa tal-proċeduri f'Malta tkun bl-Ingliż (f'liema każ isiru bl-Ingliż biss).

Artikolu 23
Spejjeż

1. L-Istat Rikjedent għandu jħallas l-ispejjeż kollha relatati:

a) mat-traduzzjoni tad-dokumenti ta' l-estradizzjoni;

b) mal-ispejjeż li jkunu saru għat-trasport tal-persuna estradita minn Stat għall-ieħor kif ukoll l-ispejjeż li jkunu saru ghat-transitu tal-persuna estradita.

2. L-Istat Rikjest għandu jħallas kull spiża oħra li ssir fit-territorju tiegħu li tkun konnessa mal-proċeduri ta' l-estradizzjoni.

Artikolu 24
Rappreżentanza fl-Istat Mitlub

L-Istat Rikjest għandu, permezz tar-rappreżentanti tiegħu, jmexxi b'diliġenza t-talba ta' l-Istat Rikjedent u għandu jirrapreżenta l-interessi tiegħu f'kull proceduri possibbli li jsegwu t-talba msemmija u b' mod partikolari jagħti pariri u assistenza.

Artikolu 25
Regolament ta' Tilwim u Diffikultajiet

Kull tilwima jew diffikultajiet dwar l-applikazzjoni tat-Trattat preżenti jew dwar l-interpretazzjoni tiegħu għandha tiġi riżolta permezz ta' konsultazzjonijiet bejn l-Istati Kontraenti.

Artikolu 26
Applikabbilità tat-Trattat

Dan it-Trattat għandu japplika biss għal dawk ir-reati estradibbli li jitwettqu wara d-data li jidħol fis-seħħ.

Artikolu 27
Applikazzjoni tal-Liġi ta' l-Istat Rikjest

Il-proċedura u kwistjonijiet oħra li jirrigwardaw l-

Article 22
Language

The requests and supporting documents, as well as any other communication done in accordance with the provisions of the present Treaty, shall be drawn up:

a) in Arabic and translated into French when Tunisia is the requesting State

b) in Maltese and translated into English when Malta is the requesting State unless the language of the proceedings in Malta is English, in which case it shall be drawn up in English only.

Article 23
Expenses

1. The requesting State shall pay all the expenses related to:

a) the translation of the extradition documents;

b) the expenses caused by the extradited person's transportation from one State to the other as well as the expenses caused by the extradited person's transit.

2. The requested State shall pay all other expenses incurred in its territory in connection with the extradition proceedings.

Article 24
Representation in requested State

The requested State shall, through its representatives, diligently further the request of the requesting State and preserve its interests in all possible proceedings resulting from the said request and submit in particular advise and assistance.

Article 25
Settlement of Disagreements or Difficulties

Any disagreement or difficulties about the present Treaty's application or interpretation shall be settled through consultations between the contracting States.

Article 26
Applicability of the Treaty

This Treaty shall only apply to all those extraditable offences committed after the date it enters into force.

Article 27
Application of Law of Requested Party

The procedure and other issues regarding the extradition

estradizzjoni tal-persuna mitluba li m'humiex regolati b'mod speċifiku bid-disposizjonijiet ta' dan it-Trattat, għandhom jiġu regolati biss bil-liġi ta' l-Istat Rikjest.

Artikolu 28
Dħul fis-Seħħ u Denunzja

1. It-Trattat preżenti għandu jidħol fis-seħħ 30 ġurnata wara d-data li fiha jsir l-iskambju ta' l-istrumenti ta' ratifika.

2. L-Istati Kontraenti jistgħu f'kull ħin jiddenunzjaw it-Trattat preżenti permezz ta' komunika bil-miktub; it-Trattat ma jibqax fis-seħħ mija u tmenin jum wara li tkun ġiet riċevuta din il-komunika.

Iffirmat f'żewġ oriġinali, illum fil-Belt Valletta l-erbatax-il jum ta' Dicembru, 2006, bil-lingwa Maltija, Ingliża, Għarbija u Franċiża. L-erba' testi jkunu ugwalment awtentiċi.

Tonio Borg
Għall-Gvern ta' Malta
Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern

Bechir Tekari
Għall-Gvern tar-Repubblika tat-Tuneżija
Ministru tal-Gustizza u d-Drittijiet tal-Bniedem

Article 28
Coming into force and denunciation

1. The present Treaty shall come into force thirty days after the date on which the ratification instruments will be exchanged.

2. The State Parties may at any moment denounce the present Treaty by means of a written communication; the Treaty shall cease to be in force one hundred and eighty days after the receipt of this communication.

Done in Valletta on this 14th day of December, 2006 in duplicate in the Maltese, English, Arabic and French languages. The four texts shall be deemed equally authentic.

Tonio Borg
For the Government of Malta
Minister for Justice and Home Affairs

Bechir Tekari
For the Government of the Republic of Tunisia
Minister for Justice and Human Rights

Nru. 982

TRATTAT DWAR L-ESTRADIZZJONI BEJN IL-GVERN TA' MALTA U L-GVERN TA' L-ISTATI UNITI TA' L-AMERIKA

IT-TRATTAT dwar l-Estradizzjoni bejn il-Gvern ta' Malta u l-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, iffirmat fil-Belt Valletta nhar it-18 ta' Mejju, 2006, qed jiġi ppubblikat għall-informazzjoni ta' kulħadd.

(Iff.) Lawrence Gonzi
Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi

(Iff.) Tonio Borg
Viċi Prim Ministru u Ministru
tal-Ġustizzja u l-Intern

L-1 ta' Novembru, 2007

No. 982

EXTRADITION TREATY BETWEEN THE GOVERNMENT OF MALTA AND THE GOVERNMENT OF THE UNITED STATES OF AMERICA

THE Extradition Treaty between the Government of Malta and the Government of the United States of America, signed on the 18th May, 2006 in Valletta, is being published for general information.

(Sd.) Lawrence Gonzi
Prime Minister and Minister of Finance

(Sd.) Tonio Borg
Deputy Prime Minister
and Minister for Justice and Home Affairs

1st November, 2007

Trattat dwar l-Estradizzjoni bejn il-Gvern ta' Malta u l-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika

Il-Gvern ta' Malta u il-Gvern ta' L-Istati Uniti ta' l-Amerika,

Extradition Treaty between the Government of Malta and the Government of the United States of America

The Government of the United States of America and the Government of Malta,

Filwaqt li jfakkru fit-"Trattat dwar l-Estradizzjoni Reċiproka ta' Ħatjin bejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Gran Bretanja", iffirmat f'Londra fit-22 ta' Diċembru, 1931, u li sar applikabbli għal Malta fl-24 ta' Ġunju, 1935,

Filwaqt li jinnutaw li kemm il-Gvern ta' Malta u kemm il-Gvern tal-Istati Uniti ta' l-Amerika fil-preżent japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dak it-Trattat; u

Filwaqt li jinnutaw il-Ftehim dwar l-Estradizzjoni bejn l-Istati Uniti ta' L-Amerika u l-Unjoni Ewropeja, ffirmat f'Washington, D.C. fil-25 ta' Ġunju, 2003; u

Filwaqt li jagħtu attenzjoni kif jixraq lid-drittijiet tal-persuni, lill-prinċipji fundamentali kostituzzjonali tal-Partijiet, u lis-Saltna tad-Dritt; u

Filwaqt li jixtiequ jipprovdu għal ko-operazzjoni aktar effettiva bejn iz-żewg Stati fit-trażżin ta' reati kriminali, u, b'dak il-għan, li jifthemu dwar trattat ġdid għall-estradizzjoni ta' ħatjin;

Ftehmu kif ġej:

Artikolu 1
L-Obbligu ta' Estradizzjoni

Il-Partijiet jaqblu li jestradixxu lil xulxin, skond id-dispożizzjonjiet ta' dan it-Trattat, persuni mfittxija mill-awtoritajiet fl-Istat Rikjedent sabiex jiġu proċessati jew puniti għal reat ta' estradizzjoni.

Artikolu 2
Reati ta' Estradizzjoni

1. Reat ikun reat ta' estradizzjoni jekk, taħt il-liġijiet ta' l-Istat Rikjedent u ta' l-Istat Rikjest, ikun punibbli bit-tneħħija tal-libertà għal żmien massimu ta' aktar minn sena jew b'piena aktar severa. Reat ikun ukoll reat ta' estradizzjoni jekk jikkonsisti f'tentattiv jew f'assoċjazzjoni biex jiġi kommess, jew f'parteċipazzjoni fil-kommissjoni ta', reat ta' estradizzjoni. Fejn it-talba tkun għall-esekuzzjoni ta' sentenza dwar persuna misjuba ħatja ta' reat ta' estradizzjoni, iż-żmien ta' nuqqas ta' libertà li għad ikun irid jiġi skontat, irid ikun mill-anqas ta' erba' xhur.

2. Fil-każ li tintlaqa' talba għall-estradizzjoni dwar reat ta' estradizzjoni, għandha tintlaqa' wkoll għal kull reat ieħor imsemmi fit-talba jekk dan ta' l-aħħar ikun punibbli bit-tneħħija tal-libertà għal żmien ta' sena jew anqas, sakemm ikunu sodisfatti ir-rekwiżiti l-oħra kollha għall-estradizzjoni.

3. Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu, reat jiġi meqjus reat ta' estradizzjoni:

Recalling the Treaty for the Mutual Extradition of Criminals Between the United States of America and Great Britain, signed at London December 22, 1931, and made applicable to Malta on June 24, 1935,

Noting that both the Government of the United States of America and the Government of Malta currently apply the terms of that Treaty; and

Noting the Agreement on Extradition between the United States of America and the European Union signed at Washington, D.C. on June 25, 2003; and

Having due regard for the rights of individuals, the fundamental constitutional principles of the Parties, and the rule of law; and

Desiring to provide for more effective cooperation between the two States in the suppression of crime, and, for that purpose, to conclude a new treaty for the extradition of offenders;

Have agreed as follows:

Article 1
Obligation to Extradite

The Parties agree to extradite to each other, pursuant to the provisions of this Treaty, persons sought by the authorities in the Requesting State for trial or punishment for an extraditable offense.

Article 2
Extraditable Offenses

1. An offense shall be an extraditable offense if it is punishable under the laws of the Requesting and Requested States by deprivation of liberty for a maximum period of more than one year or by a more severe penalty. An offense shall also be an extraditable offense if it consists of an attempt or conspiracy to commit, or participation in the commission of, an extraditable offense. Where the request is for enforcement of the sentence of a person convicted of an extraditable offense, the deprivation of liberty remaining to be served must be at least four months.

2. If extradition is granted for an extraditable offense, it shall also be granted for any other offense specified in the request if the latter offense is punishable by one year's deprivation of liberty or less, provided that all other requirements for extradition are met.

3. For purposes of this Article, an offense shall be considered an extraditable offense:

(a) mingħajr ma jittieħed qies jekk il-liġijiet ta' l-Istat Rikjedent u l-Istat Rikjest iqegħdux ir-reat taħt l-istess kategorija ta' reati jew jiddeskrivux ir-reat bl-istess terminoloġija;

(b) mingħajr ma jittieħed qies jekk ir-reat hux wieħed li dwaru l-liġi federali ta' l-Istati Uniti tirrikjedi li jiġi muri li jkun hemm xi materja bhal trasport bejn stat u ieħor, jew l-użu tal-posta jew ta' faċilitajiet oħra li jolqtu l-kummerċ bejn stat u ieħor jew ma' barra, billi materji bħal dawn huma biss għall-għan biex tiġi stabbilita l-ġuriżdizzjoni f'qorti federali ta' l-Istati Uniti; u

(c) f'każijiet kriminali li għandhom x'jaqsmu ma' taxxi, dazji doganali, kontroll ta' munita u l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' merċa, mingħajr ma jittieħed qies jekk il-liġijiet ta' l-Istat Rikjedent u ta' l-Istat Rikjest jipprovdux għall-istess xorta ta' taxxi, dazji doganali, jew kontrolli fuq munita jew fuq l-importazzjoni jew l-esportazzjoni tal-istess xorta ta' merċa.

4. Fil-każ li r-reat ikun sar barra mit-territorju ta' l-Istat Rikjedent, l-estradizzjoni għandha tintlaqa', soġġett għar-rekwiżiti l-oħra applikabbli għall-estradizzjoni, jekk il-liġijiet ta' l-Istat Rikjest jipprovdu li għandha tingħata piena għal reat li jsir barra mit-territorju tiegħu f'ċirkustanzi simili. Jekk il-ligijiet ta' l-Istat Rikjest ma jipprovdux li għandha tingħata piena għal reat li jsir barra t-territorju tiegħu f'cirkostanza simili, l-awtorità eżekuttiva ta' l-Istat Rikjest, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' tagħti l-estradizzjoni b'dan li r-rekwiżiti l-oħra applikabbli għall-estradizzjoni ikunu sodisfatti.

Artikolu 3
Nazzjonalita

1. Il-Partijiet Kontraenti m'għandhomx jirrifjutaw l-estradizzjoni fuq il-bażi biss tan-nazzjonalità tal-persuna mfittxija dwar reati li jaqgħu taħt id-deskrizzjonijiet li ġejjin :

(1) parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali ;
(2) terroriżmu;
(3) traffikar ta' persuni;
(4) sfruttar sesswali ta' tfal u pornografija bit-tfal;
(5) traffikar illeċitu f'mediċinali narkotiċi u sustanzi psikotropiċi;
(6) traffikar illeċitu f'armi, munizzjon u splużivi;
(7) korruzzjoni;
(8) frodi;
(9) *Laundering* ta' rikavat ta' reati kriminali;
(10) falsifikazzjoni ta' munita;
(11) reati kriminali li għandhom x'jaqsmu ma' *computers*;
(12) reati kriminali li jolqtu l-ambjent, inkluż it-traffikar illeċitu ta' speċi ta' annimali pperikolati u ta' speċi u varjetajiet ta' pjanti pperikolati;
(13) faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni, dħul u residenza mhux awtorizzati;

(a) regardless of whether the laws in the Requesting and Requested States place the offense within the same category of offenses or describe the offense by the same terminology;

(b) regardless of whether the offense is one for which United States federal law requires the showing of such matters as interstate transportation, or use of the mails or of other facilities affecting interstate or foreign commerce, such matters being merely for the purpose of establishing jurisdiction in a United States federal court; and

(c) in criminal cases relating to taxes, customs duties, currency control and the import or export of commodities, regardless of whether the laws of the Requesting and Requested States provide for the same kinds of taxes, customs duties, or controls on currency or on the import or export of the same kinds of commodities.

4. If the offense has been committed outside the territory of the Requesting State, extradition shall be granted, subject to the other applicable requirements for extradition, if the laws of the Requested State provide for the punishment of an offense committed outside its territory in similar circumstances. If the laws of the Requested State do not provide for the punishment of an offense committed outside its territory in similar circumstances, the executive authority of the Requested State, at its discretion, may grant extradition provided that all other applicable requirements for extradition are met.

Article 3
Nationality

1. A Party shall not refuse extradition based solely on the nationality of the person sought with respect to offenses falling within the following descriptions:

(1) participation in a criminal organization;
(2) terrorism;
(3) trafficking in persons;
(4) sexual exploitation of children and child pornography;
(5) illicit trafficking in narcotic drugs and psychotropic substances;
(6) illicit trafficking in weapons, munitions and explosives;
(7) corruption;
(8) fraud;
(9) laundering of proceeds of crime;
(10) counterfeiting currency;
(11) computer-related crime;
(12) environmental crime, including illicit trafficking in endangered animal species and in endangered plant species and varieties;
(13) facilitation of unauthorized immigration, entry, and residence;

(14) omiċidju volontarju, offiża gravi fuq il-persuna;
(15) kummerċ illeċitu f'organi u tessuti tal-bniedem ;
(16) serq ta' persuni, żamma ta' persuni kontra l-liġi u teħid ta' ostaġġi ;
(17) serq organizzat jew bl-armi;
(18) traffikar illeċitu ta' oġġetti kulturali, inkluži antikitajiet u opri ta' l-arti;
(19) rikatt organizzat (*racketeering*) u estorsjoni;
(20) falsifikazzjoni u piraterija ta' prodotti inkluża propjeta' intellettwali;
(21) falsifikazzjoni ta' dokumenti amministrattivi u t-traffikar tagħhom;
(22) falsifikazzjoni ta' mezzi ta' pagament ;
(23) traffikar illeċitu ta' sustanzi ormonali u promoturi oħra ta' tkabbir ;
(24) traffikar illeċitu ta' materjal nukleari jew radjuattiv ;
(25) traffikar ta' vetturi misruqin ;
(26) stupru;
(27) ħruq ;
(28) ħtif illegali ta' ajruplani jew bastimenti ;
(29) sabutaġġ ; u
(30) assoċjazzjoni fi, jew tentattiv ta', xi wieħed mir-reati elenkati f'dan l-Artikolu

2. Minbarra dan, dwar reati mhux deskritti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità eżekuttiva ta' l-Istat Rikjest ikollha s-setgħa li testradixxi persuni tan-nazzjonalità tagħha jekk tiddeċiedi tagħmel hekk.

3. Jekk l-estradizzjoni tiġi miċħuda fuq il-bażi biss tan-nazzjonalità tal-persuna mfittxija skond dak li jipprovdi l-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-Istat Rikjest, għandu, fuq talba ta' l-Istat Rikjedent, iressaq il-każ quddiem l-awtoritajiet kompetenti tiegħu bil-għan ta' prosekuzzjoni.

4. Il-Partijiet jistgħu jżidu mar-reati speċifikati f'dan l-Artikolu bi ftehim bejniethom u b'notifika lil xulxin li ssir b'mezzi diplomatiċi.

Artikolu 4
Reati Politiċi u Militari

1. L-estradizzjoni ma għandhiex tingħata jekk ir-reat li dwaru ssir it-talba għall-estradizzjoni jkun reat politiku.

2. Għall-finijiet ta' dan it-Trattat, ir-reati li ġejjin ma jitqiesux reati politiċi:

(a) omiċidju volontarju jew reat kriminali ieħor vjolenti kontra l-Kap ta' Stat ta' l-Istat Rikjedent jew ta' l-Istat Rikjest, jew ta' xi membru tal-familja tal-Kap ta' Stat;

(b) reat li dwaru kemm l-Istat Rikjedent kif ukoll l-Istat Rikjest għandhom obbligu skond xi ftehim internazzjonali multilaterali dwar ġenoċidju, atti ta' terroriżmu, traffikar illeċitu ta' mediċinali narkotiċi u sustanzi psikotropiċi, jew

(14) murder, grievous bodily injury;
(15) illicit trade in human organs and tissue;
(16) kidnapping, illegal restraint and hostage-taking;
(17) organized or armed robbery;
(18) illicit trafficking in cultural goods, including antiques and works of art;
(19) racketeering and extortion;
(20) counterfeiting and piracy of products including intellectual property;
(21) forgery of administrative documents and trafficking therein;
(22) forgery of means of payment;
(23) illicit trafficking in hormonal substances and other growth promoters;
(24) illicit trafficking in nuclear or radioactive materials;
(25) trafficking in stolen vehicles;
(26) rape;
(27) arson;
(28) unlawful seizure of aircrafts or ships;
(29) sabotage; and
(30) conspiracy or attempt to commit any of the offenses listed in this Article.

2. In addition, with respect to offenses not described in paragraph 1 of this Article, the executive authority of the Requested State shall have the power to extradite its nationals if it decides to do so.

3. If extradition is denied solely on the basis of the nationality of the person sought pursuant to paragraph 2 of this Article, the Requested State shall, at the request of the Requesting State, submit the case to its competent authorities for prosecution.

4. The Parties may expand the offenses designated in this Article by mutual agreement and notification made through the diplomatic channel.

Article 4
Political and Military Offenses

1. Extradition shall not be granted if the offense for which extradition is requested is a political offense.

2. For the purposes of this Treaty, the following offenses shall not be considered political offenses:

(a)a murder or other violent crime against a Head of State of the Requesting or Requested State, or of a member of the Head of State's family;

(b) an offense for which both the Requesting and Requested States have the obligation pursuant to a multilateral international agreement on genocide, acts of terrorism, illicit traffic in narcotic drugs and psychotropic substances, or other

reati oħra, li jestradixxu lill-persuna mfittxija jew li jressqu l-każ quddiem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom biex tittieħed deċiżjoni dwar prosekuzzjoni ;

(c) omiċidju volontarju, omiċidju skużabbli (*manslaughter*), jew offiża gravi volontarja fuq il-persuna;

(d) reat li jinvolvi serq ta' persuna, ħtif ta' persuna, jew kull forma ta' detenzjoni illegali, inkluż it-teħid ta' ostaġġ;

(e) it-tqegħid jew l-użu ta' splussiv, ta' mezz inċendjarju jew distruttiv li jkun kapaċi jipperikola l-ħajja, jew li jikkaġuna offiżi sostanzjali fuq il-persuna, jew li jikkaġuna ħsara sostanzjali lill-propjeta';

(f) assoċjazzjoni fi, jew tentattiv ta', xi wieħed mir-reati fuq imsemmija, jew li tgħin jew tħajjar persuna li tikkommetti jew li tagħmel tentattiv biex tikkommetti dawk ir-reati.

3. Reati taħt il-liġi militari li mhumiex ukoll reati taħt id-dritt kriminali ordinarju huma esklużi mill-ambitu ta' applikazzjoni ta' dan it-Trattat.

Artikolu 5
Motivazzjoni Politika

L-estradizzjoni għandha tiġi miċħuda jekk l-awtorità eżekuttiva ta' l-Istat Rikjest tistabilixxi li t-talba tkun saret għal mottiv politiku.

Artikolu 6
Prosekuzzjoni Preċedenti

1. L-estradizzjoni għandha tiġi miċħuda meta:

(a) il-persuna mfittxija tkun ġiet misjuba ħatja jew tkun ġiet liberata fl-Istat Rikjest dwar reat li dwaru tkun saret it-talba ta' estradizzjoni; jew,

(b) il-persuna mfittxija jkollha xort'oħra immunità milli tiġi proċessata għar-reat li dwaru ssir it-talba ta' estradizzjoni u dan skond il-liġi ta' l-Istat Rikjest dwar prosekuzzjonijiet preċedenti.

2. L-estradizzjoni mhix prekluża bil-fatt li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Rikjest:

(a) ikunu ddeċidew li l-persuna mfittxija m'għandhiex tiġi proċessata għall-atti li dwarhom tintalab l-estradizzjoni;

(b) ikunu ddeċidew li ma jkomplux bil-proċeduri kriminali li jkunu nbdew għal dawk l-atti kontra l-persuna mfittxija; jew

(c) ikunu għadhom qed jinvestigaw lill-persuna mfittxija għall-istess atti li dwarhom tintalab l-estradizzjoni.

crimes, to extradite the person sought or to submit the case to their competent authorities for decision as to prosecution;

(c) murder, manslaughter, or willfully inflicting grievous bodily harm;

(d) an offense involving kidnapping, abduction, or any form of unlawful detention, including the taking of a hostage;

(e) placing or using an explosive, incendiary or destructive device capable of endangering life, of causing substantial bodily harm, or of causing substantial property damage;-

(f) a conspiracy or attempt to commit any of the foregoing offenses, or aiding or abetting a person who commits or attempts to commit such offenses.

3. Offenses under military law that are not offenses under ordinary criminal law are excluded from the scope of application of this Treaty.

Article 5
Political Motivation

Extradition shall not be granted if the executive authority of the Requested State determines that the request was politically motivated.

Article 6
Prior Prosecution

1. Extradition shall not be granted when:

(a) the person sought has been convicted or acquitted in the Requested State for the offense for which extradition is requested; or

(b) the person sought is otherwise immune from prosecution for the offense for which extradition is requested by reason of the law in the Requested State relating to prior prosecution.

2. Extradition shall not be precluded by the fact that the competent authorities of the Requested State:

(a) have decided not to prosecute the person sought for the acts for which extradition is requested;

(b) have decided to discontinue any criminal proceedings which have been instituted against the person sought for those acts; or

(c) are still investigating the person sought for the same acts for which extradition is sought.

Artikolu 7
Preskrizzjoni

Jekk il-liġi tiegħu tkun hekk teħtieġ, l-Istat Rikjest jista', sabiex jiddeċiedi jekk għandhiex tintlaqà it-talba għall-estradizzjoni, jieħu qies tal-liġi dwar il-preskrizzjoni ta' l-Istat Rikjedent jew ta' l-Istat Rikjest.

Article 7
Lapse of Time

If so required by its law, the Requested State may, in deciding whether to grant the request for extradition, take into account the law of the Requesting State or the Requested State concerning lapse of time.

Artikolu 8
Piena Kapitali

1. Meta r-reat li dwaru qed tintalab l-estradizzjoni huwa punibbli bil-mewt taħt il-liġijiet ta' l-Istat Rikjedent iżda ma jkunx punibbli bil-mewt taħt il-liġi ta' l-Istat Rikjest, l-Istat Rikjest jista' jirrifjuta l-estradizzjoni sakemm l-Istat li jagħmel it-talba ma jagħtix l-assikurazzjoni tiegħu li l-piena tal-mewt ma tingħatax jew, jekk minħabba raġunijiet proċedurali dik l-assikurazzjoni ma tistax tingħata mill-Istat Rikjedent, taħt il-kundizzjoni li l-piena tal-mewt, jekk tingħata, ma tiġix esegwita.

2. F'dawk il-każijiet fejn l-Istat Rikjedent jagħti l-assikurazzjonijiet tiegħu skond il-paragrafu 1, il-piena tal-mewt, jekk tingħata mill-qrati ta' l-Istat Rikjedent, m' għandhiex tiġi esegwita.

Article 8
Capital Punishment

1. When the offense for which extradition is sought is punishable by death under the laws in the Requesting State and is not punishable by death under the laws in the Requested State, the Requested State may refuse extradition unless the Requesting State gives the assurance that the death penalty will not be imposed or, if for procedural reasons such condition cannot be complied with by the Requesting State, on condition that the death penalty, if imposed, will not be carried out.

2. In instances in which a Requesting State gives assurances in accordance with paragraph 1, the death penalty, if imposed by the courts of the Requesting State, shall not be carried out.

Artikolu 9
Proċeduri ta' Estradizzjoni u Dokumenti Meħtieġa

1. It-talbiet kollha għall-estradizzjoni għandhom isiru bil-miktub u jiġu trasmessi bil-mezzi diplomatiċi, inkluż trasmissjoni kif maħsub fl-Artikolu 13(4).

2. It-talbiet kollha għandhom ikunu sostnuti b':

(a) dokumenti, stqarrijiet, jew informazzjoni ta' xort'oħra li jiddiskrivu l-identità, n-nazzjonalità, u l-post fejn x'aktarx tkun tinsab il-persuna mfittxija;

(b) informazzjoni li tiddiskrivi l-fatti tar-reat u l-istorja proċedurali tal-każ;

(ċ) dikjarazzjoni li jkun fiha t-test tad-dispożizzjonijiet legali li jiddeskrivu l-elementi essenzjali tar-reat li dwaru tkun saret it-talba għall-estradizzjoni;

(d) dikjarazzjoni li jkun fiha t-test tad-dispożizzjonijiet legali li jistabilixxu l-piena għar-reat; u

(e) d-dokumenti, stqarrijiet jew informazzjoni ta' xort'oħra kif speċifikat fil-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu, skond kif ikun il-każ.

3. Talba għall-estradizzjoni ta' persuna mfittxija biex tiġi proċessata, għandha tkun ukoll sostnuta b':

Article 9
Extradition Procedures and Required Documents

1. All requests for extradition shall be submitted in writing through the diplomatic channel**,** which shall include transmission as provided for in Article 13(4).

2. All requests shall be supported by:

(a) documents, statements, or other types of information which describe the identity, nationality, and probable location of the person sought;

(b) information describing the facts of the offense and the procedural history of the case;

(c) a statement of the relevant text of the provisions of the laws describing the essential elements of the offense for which extradition is requested;

(d) a statement of the relevant text of the provisions of law prescribing punishment for the offense; and

(e) the documents, statements, or other types of information specified in paragraph 3 or paragraph 4 of this Article, as applicable.

3. A request for extradition of a person who is sought for prosecution shall also be supported by:

(a) kopja tal-mandat jew ordni ta' l-arrest maħruġ minn imħallef jew awtorità oħra kompetenti;

(b) kopja tad-dokument ta' l-akkuża; u

(c) dik l-informazzjoni li tkun tista' twassal lill-Istat Rikjest biex jistabilixxi li jkun hemm bażi raġonevoli biex temmen li l-persuna mfittxija tkun wettqet ir-reat li dwaru saret it-talba ta' estradizzjoni.

4. alba għall-estradizzjoni dwar persuna misjuba ħatja tar-reat li dwaru tintalab l-estradizzjoni għandha tkun sostnuta b':

a) kopja tad-deċiżjoni ta' ħtija, jew, fil-każ li kopja ma tkunx disponibbli, dikjarazzjoni minn awtorità ġudizzjarja li l-persuna ġiet misjuba ħatja.

b) informazzjoni li tistabilixxi li l-persuna mfittxija hija l-istess persuna li għaliha tirreferi d-deċiżjoni ta' ħtija;

c) kopja tas-sentenza mogħtija, jekk il-persuna mfittxija kienet ingħatat sentenza, kif ukoll dikjarazzjoni li turi kemm minn din is-sentenza tkun ġiet skontata; u

d) f'każ illi persuna tkun ġiet misjuba ħatja *in absentia*, id-dokumenti meħtieġa mill-paragrafu 3.

5. Fil-każ li jqis l-informazzjoni li tkun ingħatat biex issostni t-talba għall-estradizzjoni bħala li ma tkunx biżżejjed biex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' dan it-Trattat, l-Istat Rikjest jista' jeħtieġ li fiż-żmien raġonevoli minnu stabbilit l-Istat Rikjedent jagħtih aktar informazzjoni. Din l-informazzjoni supplimentari tista' tintalab u tingħata direttament bejn id-Dipartiment tal-Ġustizzja tal-Istati Uniti u l-Ministeru tal-Ġustizzja ta' Malta.

6. L-Istat Rikjedent jista', fejn ikollu l-ħsieb li jibgħat informazzjoni sensittiva biex isostni t-talba tiegħu għall-estradizzjoni, jikkonsulta ma' l-Istat Rikjest sabiex jiġi stabbilit sa fejn l-Istat Rikjest jista' jħares dan l-informazzjoni. Fil-każ li l-Istat Rikjest ma jkunx jista' jħares din l-informazzjoni bil-mod li jkun irid l-Istat Rikjedent, l-Istat Rikjedent għandu jistabilixxi jekk l-informazzjoni għandhiex xorta waħda tintbagħat.

Artikolu 10
Ammissibilità ta' Dokumenti

Id-dokumenti li fuqhom ikollhom iċ-ċertifikat jew timbru tal-Ministeru tal-Ġustizzja, jew tal-Ministeru jew Dipartiment responsabbli mill-affarijiet barranin ta' l-Istat Rikjedent, ikunu ammissibli fi proċeduri dwar l-estradizzjoni fl-Istat Rikjest mingħajr il-ħtieġa ta' iżjed ċertifikazzjoni, awtentikazzjoni jew legalizzazzjoni. Għall-Istati Uniti ta' l-Amerika, il-Ministeru tal-Ġustizzja għandu jfisser d-Dipartiment tal-Ġustizzja

(a) a copy of the warrant or order of arrest issued by a judge or other competent authority;

(b) a copy of the charging document; and

(c) such information as would enable the Requested State to determine that a reasonable basis exists to believe that the person sought committed the offense for which extradition is requested.

4. A request for extradition relating to a person who has been convicted of the offense for which extradition is sought shall also be supported by:

(a) a copy of the judgment of conviction, or, if a copy is not available, a statement by a judicial authority that the person has been convicted;

(b) information establishing that the person sought is the person to whom the finding of guilt refers;

(c) a copy of the sentence imposed, if the person sought has been sentenced, and a statement establishing to what extent the sentence has been carried out; and

(d) in the case of a person who has been convicted in absentia, the documents required by paragraph 3.

5. The Requested State may require the Requesting State to furnish additional information within such reasonable length of time as it specifies, if it considers that the information furnished in support of the request for extradition is not sufficient to fulfill the requirements of this Treaty. Such supplementary information may be requested and furnished directly between the United States Department of Justice and the Ministry of Justice of Malta.

6. Where the Requesting State contemplates the submission of particularly sensitive information in support of its request for extradition, it may consult the Requested State to determine the extent to which the information can be protected by the Requested State. If the Requested State cannot protect the information in the manner sought by the Requesting State, the Requesting State shall determine whether the information shall nonetheless be submitted.

Article 10
Admissibility of Documents

Documents that bear the certificate or seal of the Ministry of Justice, or Ministry or Department responsible for foreign affairs, of the Requesting State shall be admissible in extradition proceedings in the Requested State without further certification, authentication, or other legalization. Ministry of Justice shall, for theUnited States of America, mean the United States Department of Justice; and, for Malta, the Ministry of

ta' l-Istati Uniti u għal Malta, il-Ministeru tal-Ġustizzja ta' Malta.

Artikolu 11
Sejbien ta' Ħtija *In Absentia*

F'każ li l-persuna mfittxija tkun ġiet misjuba ħatja *in absentia*, l-awtorità ezekuttiva ta' l-Istat Rikjest tista' tirrifjuta l-estradizzjoni sakemm l-Istat Rikjedent ma jagħtihiex dawk l-assigurazzjonijiet li hi tqis bħala biżżejjed li l-persuna kienet ingħatat opportunità adegwata li tiddefendi lilha nfisha, jew li wara l-konsenja l-persuna jkollha disponibbli rimedji jew proċeduri oħra adegwati.

Artikolu 12
Traduzzjoni

Id-dokumenti kollha li jingħiebu mill-Istat Rikjedent għandhom ikunu bi, jew tradotti għal, l-Ingliż.

Artikolu 13
Arrest Proviżorju

1. L-Istat Rikjedent jista' jitlob l-arrest proviżorju ta', u l-Istat Rikjest jista' joħroġ mandat ta' arrest għal, persuna mfittxija, sakemm jiġu preżentati d-dokumenti li jsostnu t-talba għall-estradizzjoni quddiem il-qorti kompetenti. Talba għall-arrest proviżorju tista' tintbagħat bil-mezzi diplomatiċi jew direttament bejn id-Dipartiment tal-Ġustizzja ta' l-Istati Uniti u l-Ministeru ta' l-Ġustizzja ta' Malta. Il-faċilitajiet ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija Kriminali (INTERPOL) jistgħu jintużaw ukoll biex tintbagħat talba bħal din.

2. t-talba għall-arrest proviżorju għandha jkun fiha:

a) deskrizzjoni tal-persuna mfittxija;

b) il-post fejn tkun tinstab il-persuna mfittxija, jekk ikun magħruf ;

c) dikjarazzjoni fil-qosor tal-fatti tal-każ, li tkun tinkludi, jekk jista' jkun, il-ħin u l-post fejn sar ir-reat;

d) deskrizzjoni tal-liġi jew liġijiet miksura;

e) dikjarazzjoni li jkun jeżisti mandat jew ordni ta' arrest, jekk hemm, jew sejbien ta' ħtija jew sentenza ta' kundanna kontra l-persuna mfittxija; u

(f) dikjarazzjoni li d-dokumenti li jsostnu t-talba għall-estradizzjoni tal-persuna mfittxija jkunu ħa jaslu fiż-żmien speċifikat f'dan it-Trattat.

3. L-Istat Rikjedent għandu jiġi mgħarraf mingħajr dewmien dwar x'deċiżjoni tkun ittieħdet dwar it-talba tiegħu

Justice of Malta.

Article 11
Convictions in Absentia

If the person sought has been found guilty in absentia, the executive authority of the Requested State may refuse extradition unless the Requesting State provides it with assurances considered by it to be sufficient that the person was afforded an adequate opportunity to present a defense or that there are adequate remedies or additional proceedings available to the person after surrender.

Article 12
Translation

All documents submitted by the Requesting State shall be in, or translated into, English.

Article 13
Provisional Arrest

1. The Requesting State may request provisional arrest of, and the Requested State may issue an arrest warrant for, the person sought, pending presentation of the documents in support of the extradition request before the competent court. A request for provisional arrest may be transmitted through the diplomatic channel or directly between the United States Department of Justice and the Ministry of Justice of Malta. The facilities of the International Criminal Police Organization (Interpol) also may be used to transmit such a request.

2. The application for provisional arrest shall contain:

(a) a description of the person sought;

(b) the location of the person sought, if known;

(c) a brief statement of the facts of the case, including, if possible, the time and location of the offense;

(d) a description of the law(s) violated;

(e) a statement of the existence of a warrant or order of arrest, if any, or a finding of guilt or judgment of conviction against the person sought; and

(f) a statement that the documents supporting the extradition request for the person sought will follow within the time specified in this treaty.

3. The Requesting State shall be notified without delay of the disposition of its request for provisional arrest and the

għall-arrest proviżorju u, fil-każ li ma kienx possibbli li jsir dak mitlub, bir-raġunijiet għal dan.

4. Persuna arrestata proviżorjament tista' tiġi meħlusa mill-kustodja meta' jagħlaq perjodu ta' erbgħin (40) jum mid-data ta' l-arrest proviżorju skond dan it-Trattat, jekk l-awtorità esekuttiva ta' l-Istat Rikjest ma tirċevix id-dokumenti li jsostnu t-talba għall-estradizzjoni meħtieġa bl-Artikolu 9. Dan il-perjodu jista' jiġi estiż sa 20 jum ieħor. Għal dan il-għan, meta fil-perjodu imsemmi f'dan il-paragrafu, id-dokumenti li jsostnu t-talba jkunu ġew riċevuti mill-Ambaxxata ta' l-Istat Rikjest fl-Istat Rikjedent, dan għandu jitqies bħala li ġew riċevuti mill-awtorità eżekuttiva ta' l-Istat Rikjedent.

5. Il-fatt li l-persuna mfittxija tkun ġiet meħlusa mill-kustodja skond il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu ma jippreġudikax l-arrest mill-ġdid u l-estradizzjoni ta' dik il-persuna, jekk it-talba għall-estradizzjoni u d-dokumenti li jsostnuha jaslu f'data aktar tard.

Artikolu 14
Deċiżjoni u Konsenja

1. L-Istat Rikjest għandu jinnotifika minnufih lill-Istat Rikjedent bid-deċiżjoni tiegħu dwar it-talba għall-estradizzjoni. Din in-notifika għandha tintbagħat direttament lid-Dipartiment jew lill-Ministeru tal-Ġustizzja ta' l-Istat Rikjedent u b'mezzi diplomatiċi.

2. Fil-każ li t-talba għall-estradizzjoni tiġi miċħuda kollha jew f'parti minnha, l-Istat Rikjest għandu jgħarraf lill-Istat Rikjedent bil-bażi taċ-ċahda. L-Istat Rikjest għandu jipprovdi kopji tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji pertinenti meta mitlub.

3. Jekk it-talba għall-estradizzjoni tintlaqa', l-awtoritajiet ta' l-Istat Rikjedent u dawk ta' l-Istat Rikjest għandhom jaqblu fuq iż-żmien u l-post għall-konsenja tal-persuna mfittxija.

4. Fil-każ li l-persuna mfittxija ma titteħidx mit-territorju ta' l-Istat Rikjest mill-Istat Rikjedent fiż-żmien mogħti mil-liġi ta' l-Istat Rikjest, dik il-persuna tista' tinħeles mill-kustodja, u wara, l-Istat Rikjest, fid-diskrezzjoni tiegħu, jista' jirrifjuta l-estradizzjoni dwar l-istess reat.

Artikolu 15
Posponiment tal-Konsenja

L-Istat Rikjest jista' jipposponi l-proċedimenti ta' estradizzjoni kontra persuna li tkun qed tiġi proċessata jew li tkun qed tiskonta sentenza f'dak l-Istat. Dan il-posponiment jista' jkompli sakemm tintemm il-prosekuzzjoni kontra l-persuna mfittxija jew sakemm dik il-persuna tkun skontat xi sentenza fuqha imposta.

reasons for any inability to proceed with the request.

4. A person who is provisionally arrested may be discharged from custody upon the expiration of forty (40) days from the date of provisional arrest pursuant to this Treaty if the executive authority of the Requested State has not received the documents supporting the extradition request required in Article 9. This period may be extended for up to an additional twenty (20) days. For this purpose, receipt of the supporting documents by the Embassy of the Requested State in the Requesting State by the date specified in this paragraph shall constitute receipt by the executive authority of the Requested State.

5. The fact that the person sought has been discharged from custody pursuant to paragraph 4 of this Article shall not prejudice the subsequent rearrest and extradition of that person if the extradition request and supporting documents are delivered at a later date.

Article 14
Decision and Surrender

1. The Requested State shall promptly notify the Requesting State of its decision on the request for extradition. Such notification should be transmitted directly to the Requesting State's Department or Ministry of Justice and through the diplomatic channel.

2. If the request is denied in whole or in part, the Requested State shall notify the Requesting State of the basis for the denial. The Requested State shall provide copies of pertinent judicial decisions upon request.

3. If the request for extradition is granted, the authorities of the Requesting and Requested States shall agree on the time and place for the surrender of the person sought.

4. If the person sought is not removed from the territory of the Requested State by the Requesting State within the time period prescribed by the law of that State, that person may be discharged from custody, and the Requested State, in its discretion, may subsequently refuse extradition for the same offense.

Article 15
Deferred Surrender

The Requested State may postpone the extradition proceedings against a person who is being prosecuted or who is serving a sentence in that State. The postponement may continue until the prosecution of the person sought has been concluded or until such person has served any sentence imposed.

Artikolu 16
Konsenja Temporanja

1. Fil-każ li tintlaqa' talba għall-estradizzjoni ta' persuna li tkun qed tiġi proċessata jew li tkun qed tiskonta sentenza fl-Istat Rikjest, l-Istat Rikjest jista' jikkonsenja temporanjament lill-persuna mfittxija lill-Istat Rikjedent sabiex dik il-persuna tiġi proċessata.

2. Il-persuna hekk konsenjata għandha tinżamm fil-kustodja fl-Istat Rikjedent u għandha tingħata lura lill-Istat Rikjest malli jintemmu l-proċeduri kontriha, skond il-kundizzjonijiet li jiġu miftehma bejn l-Istat Rikjedent u l-Istat Rikjest. Il-perjodu ta' żmien mgħoddi fil-kustodja fit-territorju tal-Istat Rikjedent sakemm issir il-prosekuzzjoni f'dak l-Istat jista' jitnaqqas miż-żmien li jkun baqa' biex jiġi skontat fl-Istat Rikjest.

Article 16
Temporary Surrender

1. If a request for extradition is granted in the case of a person who is being proceeded against or is serving a sentence in the Requested State, the Requested State may temporarily surrender the person sought to the Requesting State for the purpose of prosecution.

2. The person so surrendered shall be kept in custody in the Requesting State and shall be returned to the Requested State at the conclusion of the proceedings against that person, in accordance with the conditions to be determined by mutual agreement of the Requesting and Requested States. The time spent in custody in the territory of the Requesting State pending prosecution in that State may be deducted from the time remaining to be served in the Requested State.

Artikolu 17
Talbiet għal Estradizzjoni jew Konsenja Magħmula minn Diversi Stati

1. Fil-każ li l-Istat Rikjest jirċievi talbiet mill-Istat Rikjedent jew minn kwalunkwe Stat ieħor jew Stati oħra għall-estradizzjoni ta' l-istess persuna, kemm jekk għall-istess reat sew jekk għal reati differenti, u dawn it-talbiet ma jkunux regolati mill-paragrafu 2, l-awtorità eżekuttiva ta' l-Istat Rikjest għandha tiddeċiedi lil liema Stat, jekk ikun il-każ, għandha tiġi konsenjata l-persuna.

2. Fil-każ li Malta tirċievi talba għall-estradizzjoni mill-Istati Uniti ta' l-Amerika u talba għall-konsenja ta' persuna skond mandat ta' arrest Ewropew għall-istess persuna, kemm jekk għall-istess reat sew jekk għal reati differenti, l-awtorita' eżekuttiva tagħha għandha tiddeċiedi lill-liema Stat, jekk ikun il-każ, għandha tiġi konsenjata l-persuna.

3. Sabiex jieħu d-decizjoni taħt il-paragrafi 1 u 2, l-Istat Rikjest għandu jieħu qies tal-fatturi relevanti kollha, fosthom iżda mhux biss:

a) jekk it-talbiet sarux skond trattat;

b) il-postijiet fejn ġie mwettaq kull reat;

c) l-interessi rispettivi ta' l-Istati Rikjedenti;

d) l-gravità tar-reati;

e) in-nazzjonalita tal-vittma;

f) il-possibilità ta' estradizzjoni sussegwenti bejn l-Istati Rikjedenti; u

g) l-ordni kronoloġiku li fih ġew riċevuti t-talbiet mingħand l-Istati Rikjedenti.

Article 17
Requests for Extradition or Surrender Made by Several States

1. If the Requested State receives requests from the Requesting State and from any other State or States for the extradition of the same person, either for the same offense or for different offenses, and such requests are not governed by paragraph 2, the executive authority of the Requested State shall determine to which State, if any, it will surrender the person.

2. If Malta receives an extradition request from the United States of America and a request for surrender pursuant to the European arrest warrant for the same person, either for the same offense or for different offenses, its executive authority shall determine to which State, if any, it will surrender the person.

3. In making its decision under paragraphs 1 and 2, the Requested State shall consider all relevant factors, including but not limited to:

(a) whether the requests were made pursuant to a treaty;

(b) the places where each of the offenses were committed;

(c) the respective interests of the Requesting States;

(d) the gravity of the offenses;

(e) the nationality of the victim;

(f) the possibility of any subsequent extradition between the Requesting States; and

(g) the chronological order in which the requests were received from the Requesting States.

Artikolu 18
Qbid u Konsenja ta' Propjetà

1. L-Istat Rikjest jista', sa fejn tippermettilu l-liġi tiegħu, jaqbad u jikkonsenja lill-Istat Rikjedent il-ħwejjeġ kollha, inklużi oġġetti, dokumenti u evidenza, li jkollhom x'jaqsmu mar-reat li dwaru tintlaqa' l-estradizzjoni. Il-ħwejjeġ imsemmija f'dan l-Artikolu jistgħu jiġu kkonsenjati wkoll jekk l-estradizzjoni ma tkunx tista' ssir minħabba l-mewt, l-għajbien jew il-ħarba tal-persuna mfittxija.

2. L-Istat Rikjest jista' jassoġġetta l-konsenja tal-ħwejjeġ għall-kundizzjoni li jkun hemm assigurazzjonijiet sodisfaċenti mill-Istat Rikjedent li l-propjetà tiġi mrodda lura lill-Istat Rikjest mill-aktar fis li jkun prattikabbli. L-Istat Rikjest jista' wkoll jipposponi l-konsenja tal-ħwejjeġ imsemmija jekk ikun hemm bżonnhom bħala prova fl-Istat Rikjest.

3. Id-drittijiet ta' terzi fuq il-ħwejjeġ imsemmija għandhom ikunu rispettati kif imiss skond il-liġijiet ta' l-Istat Rikjest.

Artikolu 19
Regola ta' Speċjalità

1. Persuna li tkun ġiet estradita taħt dan it-Trattat ma tistax tiġi detenuta, proċessata, jew punita fl- Istat Rikjedent ħlief għal:

a) kull reat li għalih tkun ingħatat l-estradizzjoni, jew reat iżgħar u inkluż u li l-elementi kostitwenti tiegħu juru li jkun reat ta' estradizzjoni msejjes fuq l-istess fatti bħar-reat li għalih tkun ingħatat l-estradizzjoni;

b) kull reat imwettaq wara l-estradizzjoni tal-persuna ; jew

c) kull reat illi dwaru l-awtorità eżekuttiva ta' l-Istat Rikjest tagħti l-kunsens tagħha sabiex il-persuna tiġi detenuta, proċessata jew punita. Għal-għanijiet ta' dan is-sub-paragrafu:

(i) l-Istat Rikjest jista' jitlob sabiex jiġi provdut bid-dokumentazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 9; u

(ii) il-persuna estradita tista' tiġi detenuta mill-Istat Rikjedent għal 60 jum, jew għal dak it-tul ta' żmien itwal kif jista' jiġi awtoriżżat mill-Istat Rikjest, sakemm it-talba tiġi proċessata.

